SENTENZA TAL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Seba' Awla)

30 ta' Settembru 2009 *

Fil-Kawża T-341/07,

Jose Maria Sison, residenti f'Utrecht (l-Pajjiżi l-Baxxi), irrappreżentat minn J. Fermon, A. Comte, H. Schultz, D. Gürses u W. Kaleck, avukati,

rikorrent,

vs

Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea, irrappreżentat minn M. Bishop u E. Finnegan, bħala aġenti,

konvenut,

* Lingwa tal-kawża: l-Ingliż.

sostnut minn

Ir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u tal-Irlanda ta' Fuq, irrappreżentat minn S. Behzadi Spencer u I. Rao, bħala aġenti,

minn

Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi, irrappreżentat minn C. Wissels, M. de Mol, M. Noort u Y. de Vries, bħala aġenti,

u minn

Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej, irrappreżentata minn P. Aalto u S. Boelaert, bħala aġenti,

Intervenjenti,

li għandha bħala suġġett inizjali, minn naħa, talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/445/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 2006/379/KE u 2006/1008/KE (ĠU L 169, p. 58) u, min-naħa l-oħra, talba għad-danni,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA
TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ (Is-Seba' Awla),

komposta minn N. J. Forwood (Relatur), President, D. Šváby u E. Moavero Milanesi, Imħallfin,

Reġistratur: C. Kantza, amministratur,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tat-30 ta' April 2009,

tagħti l-preżenti

Sentenza

Il-fatti li wasslu għall-kawża

1 Għal espożizzjoni tal-isfond inizjali ta' din il-kawża, għandu jsir riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-11 ta' Lulju 2007, Sison vs Il-Kunsill (T-47/03, mhux ippubblikata fil-Ġabra, iktar 'il quddiem is-"sentenza Sison"), b'mod partikolari għall-punti 46 sa 70, fejn huma deskritti l-proċedimenti amministrattivi u ġudizzjarji kontra r-rikorrent Jose Maria Sison, fil-Pajjiżi l-Baxxi, li taw lok għas-sentenzi tar-Raad van State (Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi) tas-17 ta' Diċembru 1992 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tar-Raad van State tal-1992") u tal-21 ta' Frar 1995 (iktar 'il quddiem is-"sentenza tar-Raad van State tal-1995") kif ukoll għad-deċiżjoni tal-arrondissementsrechtbank te 's-Gravenhage (Tribunal distrettwali ta' Den Haag, iktar 'il quddiem ir-"rechtbank"), Sector Bestuursrecht, Rechtseenheidskamer Vreemdelingenzaken (Sezzjoni tad-Dritt Amministrattiv, sezzjoni għall-applikazzjoni uniformi tad-dritt, kawżi dwar il-barranin) tal-11 ta' Settembru 1997 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni tar-rechtbank").

2 Permezz tas-sentenza Sison, il-Qorti tal-Prim'Istanza annullat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2006/379/KE tad-29 ta' Mejju 2006 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu, u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2005/930/KE (ĠU L 294M, 25.10.2006, p. 169), sa fejn kienet tikkonċerna lir-rikorrent, għar-raġunijiet li din id-deċiżjoni ma kinitx motivata, li kienet ġiet adottata fil-kuntest ta' proċedura li matulha d-drittijiet tad-difiża tar-rikorrent ma kinux ġew irrispettati u li l-Qorti tal-Prim'Istanza nfisha ma kinitx f'pożizzjoni li tipproċedi bl-istħarriġ ġudizzjarju tal-legalità ta' din id-deċiżjoni (ara s-sentenza Sison, punt 226).

3 Wara s-seduta għat-trattazzjoni fil-kawża li wasslet għall-imsemmija sentenza Sison, li nżammet fit-30 ta' Mejju 2006, iżda qabel ma ngħatat l-imsemmija sentenza, il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea adotta d-deċiżjoni 2007/445/KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 2006/379 u 2006/1008/KE (ĠU L 169, p. 58). Permezz ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill żamm l-isem tar-rikorrent fil-lista li tinsab fl-Anness tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2580/2001 tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu (Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1 p. 207) (iktar 'il quddiem il-"lista kkontestata").

4 Qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni, il-Kunsill indika lir-rikorrent, permezz ta' ittra tat-23 ta' April 2007, li fil-fehma tiegħu, il-motivi invokati sabiex ikun inkluż fil-lista kkontestata kienu għadhom validi u li, konsegwentement, huwa kellu l-intenzjoni jżommu f'din il-lista. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi invokati mill-Kunsill. Ġie indikat ukoll lir-rikorrent li seta' jissottometti lill-Kunsill osservazzjonijiet dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jżommu fil-lista u dwar il-motivi li huwa invoka f'dan ir-rigward, flimkien ma' kull dokument insostenn, fi żmien xahar.

5 Fl-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-imsemmija ittra, il-Kunsill irrileva dan li ġej:

"SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwanag, magħruf ukoll bħala Joma, Kap tal-Partit Komunista tal-Filippini, inkluż in-NPA), imwieled fit-8.2.1939 f'Cabugao, il-Filippini.

Jose Maria Sison huwa l-fundatur u mexxej tal-Partit Komunista tal-Filippini, inkluża n-New People's Army (NPA) (il-Filippini), li huwa inkluż fil-lista ta' gruppi ta' nies involuti f'atti terroristiċi fis-sens tal-Artikolu 1(2) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESK [PBSK]. Huwa kien, diversi drabi, sostenitur tal-użu tal-vjolenza sabiex jintlaħqu għanijiet politiċi u ġiet fdata lilu t-tmexxija tan-NPA, grupp ta' nies responsabbli għal ċertu numru ta' attakki terroristiċi fil-Filippini. Dawn l-atti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3)(iii), […] (i) u (j), tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931/PESC (imsejħa iktar 'il quddiem il-'pożizzjoni komuni') u twettqu intenzjonalment fis-sens tal-Artikolu 1(3)(iii) tal-pożizzjoni komuni.

Fil-11 ta' Settembru 1997, ir-[rechtbank] ikkonferma (…) [is-sentenza tar-Raad van State tal-1995]. Is-sezzjoni amministrattiva tar-Raad van State ddeċidiet li l-istat ta' applikant għall-ażil fil-Pajjiżi l-Baxxi kien ġie ġustament irrifjutat, minħabba li kienet ġiet prodotta prova li kien imexxi (jew kien ipprova jmexxi) il-fergħa militari taċ-CPP, in-NPA, li hija responsabbli għal ċertu numru ta' attakki terroristiċi fil-Filippini u peress li kien deher ukoll li kien iżomm kuntatti ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha.

Il-Ministru tal-Affarijiet Barranin u l-Ministru tal-Finanzi [tal-Pajjiżi l-Baxxi] iddeċidew, permezz ta' digriet ministerjali ('regeling') Nru DJZ/BR/749-02 tat-13 ta' Awwissu 2002 (Sanctieregeling terrorisme 2002, III) ippubblikat fil-Ġurnal Uffiċjali Olandiż Staatscourant fit-13 ta' Awwissu 2003, li jiffriżaw dak kollu fil-pussess ta' Jose Maria Sison u tal-Partit Komunista tal-Filippini, inkluża n-New People's Army (NPA).

Il-Gvern Amerikan indika lil Jose Maria Sison bħala 'Specially Designated Global Terrorist' (indikat, b'mod speċjali, bħala terrorist dinji) skont il-US Executive Order 13224. Skont id-dritt Amerikan din id-deċiżjoni tista' tiġi kkontestata.

Għalhekk, għal dak li jikkonċerna lil Jose Maria Sison, ittieħdu xi deċiżjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Arikolu 1(4) tal-pożizzjoni komuni.

Il-Kunsill huwa konvint li r-raġunjiiet li għalihom Jose Maria Sison ġie inkluż fil-lista ta' persuni u entitajiet li għalihom japplikaw il-miżuri tal-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 2580/2001 għadhom validi."

6 Permezz ta' ittra tat-22 ta' Mejju 2007, ir-rikorrent issottometta lill-Kunsill ir-risposta tiegħu. Huwa enfasizza, b'mod partikolari, li la s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u lanqas id-deċiżjonji tar-rechtbank ma kienu jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli sabiex iservu ta' bażi għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi. Huwa talab ukoll lill-Kunsill, minn naħa, jagħtih l-opportunità li jinstema' qabel l-adozzjoni ta' deċiżjoni ġdida ta' ffriżar ta' fondi u, min-naħa l-oħra, li tintbagħat kopja tal-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu u tad-dokumenti kollha tal-proċeduri fil-Kawża T-47/03 lill-Istati Membri kollha.

7 Id-Deċiżjoni 2007/445 ġiet innotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tad-29 ta' Ġunju 2007. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittra tal-Kunsill tat-23 ta' April 2007.

8 Permezz tad-Deċiżjoni 2007/868/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/445/KE (ĠU L 340, p. 100), il-Kunsill adotta lista ġdida aġġornata tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-imsemmi Regolament. L-isem tar-rikorrent u dak tan-New People's Army (NPA) huma riprodotti fl-imsemmija lista, bl-istess kliem bħal dak użat fl-anness tad-Deċiżjoni 2007/445.

9 Id-Deċiżjoni 2007/868 ġiet innotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tat-3 ta' Jannar 2008. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittri tal-Kunsill tat-23 ta' April 2007 u tad-29 ta' Ġunju 2007.

10 Permezz tad-Deċiżjoni 2008/343/KE tad-29 ta' April 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/868 (ĠU L 116, p. 25), il-Kunsill żamm lir-rikorrent fil-lista kkontestata, filwaqt li emenda l-iskrizzjoni li tikkonċernah personalment, kif ukoll lill-Partit Komunista tal-Filippini (CPP), fl-Anness tad-deċiżjoni 2007/868.

11 Skont l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni 2008/343:

"Fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/868/KE l-iskrizzjoni għas-Sur SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwanag, magħruf ukoll bħala Joma), għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

'SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwanag, magħruf ukoll bħala Joma), imwieled fit-8.2.1939 f'Cabugao (il-Filippini) — persuna li għandha rwol ċentrali fil-Partit Komunista tal-Filippini, inkluż in-NPA'."

12 Skont l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/343:

"Fl-Anness għad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/868/KE l-iskrizzjoni għall-Partit Komunista tal-Filippini għandha tiġi sostitwita b'dan li ġej:

'Il-Partit Komunista tal-Filippini, inkluż in-New Peoples Army — NPA, il-Filippini, marbuta ma' SISON, Jose Maria (magħruf ukoll bħala Armando Liwang, magħruf ukoll bħala Joma, li għandu rwol ċentrali fil-Partit Komunista tal-Filippini, inkluż in-NPA)'."

13 Qabel l-adozzjoni ta' din id-deċiżjoni l-Kunsill indika lir-rikorrent, permezz ta' ittra tal-25 ta' Frar 2008, li fil-fehma tiegħu, il-motivi invokati sabiex ikun inkluż fil-lista kkontestata kienu għadhom validi u li, konsegwentement, huwa kellu l-intenzjoni jżommu f'din il-lista. Minn naħa, il-Kunsill irrefera għall-espożizzjoni tal-motivi nnotifikata lir-rikorrent permezz tal-ittra tat-3 ta' Jannar 2008. Min-naħa l-oħra, il-Kunsill indika li kien ġie pprovdut b'informazzjoni ġdida dwar deċiżjonijiet ta' awtorità kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni tal-Kunsill 2001/931/PESK [PBSK] tas-27 ta' Diċembru 2001 dwar l-applikazzjoni ta' miżuri speċifiki fil-ġlieda kontra t-terroriżmu (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 18, Vol. 1, p. 217), u wara li eżaminaha, din l-informazzjoni wasslitu sabiex jemenda l-imsemmija espożizzjoni tal-motivi. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni aġġornata tal-motivi invokati mill-Kunsill. Ġie indikat ukoll lir-rikorrent li seta' jissottometti lill-Kunsill osservazzjonijiet dwar l-intenzjoni tal-Kunsill li jżommu fil-lista u dwar il-motivi li huwa invoka f'dan ir-rigward, flimkien ma' kull dokument insostenn, fi żmien xahar.

14 L-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittra tal-25 ta' Frar 2008 irriproduċiet, essenzjalment, l-espożizzjonijiet tal-motivi preċedenti nnotifikati lir-rikorrent. Barra minn hekk, il-Kunsill żied dan li ġej:

"[Ir-rechtbank] ikkonkluda, fis-sentenza tiegħu tat-13 ta' Settembru 2007 (LJN: BB3484), li diversi indizji jindikaw li Jose Maria Sison kien involut fil-Kumitat Ċentrali (KĊ) taċ-CPP u tal-fergħa militari tagħha, in-NPA. [Ir-rechtbank] wasal ukoll għall-konklużjoni li xi indizji jindikaw li Jose Maria Sison għad għandu rwol prominenti fl-attivitajiet klandestini tal-KĊ taċ-CPP u tan-NPA.

Fl-appell, il-Qorti tal-Appell ta' Den Haag ikkonkludiet, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ottubru 2007 (LJN:BB4662), li l-proċess kien fih diversi indizji li Jose Maria Sison baqa' jkollu rwol prominenti fiċ-CPP, bħala mexxej jew f'kariga oħra, matul id-diversi snin tiegħu fl-eżilju."

15 Permezz ta' ittra tal-24 ta' Marzu 2008, ir-rikorrent issottometta lill-Kunsill ir-risposta tiegħu. Filwaqt li tenna l-argumenti tiegħu li, fil-passat, il-Kunsill kien diġà opponihom, huwa sostna, b'mod iktar partikolari, li la s-sentenza tar-rechtbank u lanqas is-sentenza

tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet meħtieġa mil-leġiżlazzjoni Komunitarja applikabbli sabiex iservu ta' bażi għal deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi.

16 Id-Deċiżjoni 2008/343 ġiet innotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tad-29 ta' April 2008. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittra tal-Kunsill tal-25 ta' Frar 2008.

17 Permezz tad-Deċiżjoni 2008/583/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li timplementa l-Artikolu 2 (3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/868 (ĠU L 188, p. 21), il-Kunsill adotta lista ġdida aġġornata tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-imsemmi regolament. L-isem tar-rikorrent u dak tan-NPA huma rriprodotti fl-imsemmija lista, bl-istess kliem bħal dak użat fl-anness tad-Deċiżjoni 2007/868, kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/343.

18 Id-Deċiżjoni 2008/583 ġiet innotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tal-15 ta' Lulju 2008. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittri tal-Kunsill tal-25 ta' Frar u tad-29 ta' April 2008.

19 Permezz tad-Deċiżjoni 2009/62/KE tas-26 ta' Jannar 2009 li timplementa l-Artikolu 2 (3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/583/KE (ĠU L 23, p. 25), il-Kunsill adotta lista ġdida aġġornata tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika l-imsemmi regolament. L-isem tar-rikorrent u dak tan-NPA huma rriprodotti fl-imsemmija lista, bl-istess kliem bħal dak użat fl-anness tad-Deċiżjoni 2007/868, kif emendata bid-Deċiżjoni 2008/343.

20 Id-Deċiżjoni 2009/62 ġiet innotifikata lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2009. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittri tal-Kunsill tal-25 ta' Frar, tad-29 ta' April u tal-15 ta' Lulju 2008.

21 Permezz tar-Regolament (KE) Nru 501/2009 tal-15 ta' Lulju 2009, li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE (ĠU L 151, p. 14), il-Kunsill adotta lista ġdida aġġornata tal-persuni, gruppi u entitajiet li għalihom japplika r-Regolament Nru 2580/2001. L-isem tar-rikorrent u dak tan-NPA huma rriprodotti fl-imsemmija lista, bl-istess kliem bħal dak użat fl-anness tad-Deċiżjoni 2009/62.

22 Ir-Regolament Nru 501/2009 ġie kkomunikat lir-rikorrent permezz ta' ittra tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2009. Ma' din l-ittra ġiet annessa espożizzjoni tal-motivi identika għal dik annessa mal-ittra tal-Kunsill tas-27 ta' Jannar 2009.

Proċedura u t-talbiet tal-partijiet

23 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-10 ta' Settembru 2007, ir-rikorrent ressaq dan ir-rikors. Huwa kellu bħala suġġett inizjali, minn naħa, talba għall-annullament parzjali tad-Deċiżjoni 2007/445 taħt l-Artikolu 230 KE u, min-naħa oħra, talba għad-danni taħt l-Artikoli 235 KE u 288 KE.

24 Permezz ta' att separat, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-istess ġurnata, ir-rikorrent ressaq talba sabiex il-kawża tiġi deċiża permezz tal-proċedura mħaffa, skont l-Artikolu 76a tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza. Il-Kunsill ippreżenta l-osservazzjonijiet tiegħu dwar din it-talba fit-28 ta' Settembru 2007.

25 Qabel ma ddeċidiet dwar l-imsemmija talba, il-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) iddeċidiet, fil-11 ta' Ottubru 2007, li tlaqqa' lill-partijiet f'laqgħa informali fil-preżenza tal-Imħallef Relatur, skont l-Artikolu 64 tar-Regoli tal-Proċedura tagħha. Din il-laqgħa nżammet fit-8 ta' Novembru 2007.

26 Fit-13 ta' Novembru 2007, il-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li taqta' l-kawża bil-proċedura mħaffa, għal dak li jikkonċerna r-rikors għal annullament taħt l-Artikolu 230 KE, bil-kundizzjoni li r-rikorrent jippreżenta, fi żmien sebat ijiem, verżjoni mqassra tar-rikors tiegħu, kif ukoll lista li tinkludi biss l-annessi li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni, skont l-abbozz redatt minnu għal-laqgħa informali u filwaqt li jiġu osservati l-Istruzzjonijiet Prattiċi lill-Partijiet (ĠU 2007, L 232, p.7). Ir-rikorrent issodisfa din il-kundizzjoni.

27 Fuq talba tal-partijiet, il-President tas-Seba' Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza, permezz ta' digriet tat-13 ta' Novembru 2007, issospenda l-proċeduri, għal dak li jikkonċerna r-rikors għad-danni taħt l-Artikoli 235 KE u 288 KE, sakemm tingħata s-sentenza dwar ir-rikors għal annullament taħt l-Artikolu 230 KE.

28 Fil-verżjoni mqassra tar-rikors tiegħu, ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fid-19 ta' Novembru 2007, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tannulla d-Deċiżjoni 2007/445 u, b'mod iktar partikolari, il-punti 1.33 u 2.7 tal-anness tagħha, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernawh;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

29 Fir-risposta tiegħu, ippreżentata fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-5 ta' Diċembru 2007, il-Kunsill talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiċħad ir-rikors;

— tikkundanna lir-rikorrent għall-ispejjeż.

30 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-24 ta' Jannar 2008, ir-rikorrent talab li t-talbiet, il-motivi u l-argumenti tiegħu jiġu adattati b'tali mod li jirreferu wkoll għad-Deċiżjoni 2007/868. F'dan l-att huwa talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara dan l-adattament ammissibbli u tqis li r-rikors għal annullament huwa dirett kontra d-Deċiżjoni 2007/868;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni 2007/868 u, b'mod partikolari, il-punti 1.33 u 2.7 tal-anness tagħha, sa fejn id-dispożizzjonijiet tagħha jikkonċernawh;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

31 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-15 ta' Frar 2008, il-Kunsill esprima l-kunsens tiegħu fir-rigward ta' din it-talba għal adattament.

32 Permezz ta' digrieti tat-12 ta' Frar u tat-22 ta' April 2008, wara li nstemgħu l-partijiet, il-President tas-Seba' Awla tal-Qorti tal-Prim'Istanza awtorizza lir-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq, ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej sabiex jintervjenu insostenn tat-talbiet tal-Kunsill.

33 Permezz ta' ittra tas-7 ta' Mejju 2008, il-Kunsill ippreżenta, fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza, kopja tad-Deċiżjoni 2008/343, tal-ittra li biha kien innotifika din id-deċiżjoni lir-rikorrent u ta' espożizzjoni ġdida tal-motivi annessa ma' din l-ittra. Dawn id-dokumenti ddaħlu fil-proċess.

34 Ir-rikorrent ippreżenta r-risposta tiegħu permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-11 ta' Ġunju 2008.

35 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-8 ta' Lulju 2008, ir-rikorrent talab li t-talbiet, il-motivi u l-argumenti tiegħu jiġu adattati b'tali mod li jirreferu wkoll għad-Deċiżjoni 2008/343. F'dan l-att huwa talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara dan l-adattament ammissibbli u tqis li r-rikors għal annullament huwa dirett kontra d-Deċiżjoni 2008/343;

— tannulla parzjalment id-deċiżjoni 2008/343 u, b'mod partikolari, l-Artikolu 1 ta' din id-deċżijoni u l-Artikolu 2 tagħha, sa fejn issemmi ismu;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni 2007/868 u, b'mod iktar partikolari, il-punti 1.33 u 2.7 tal-anness tagħha, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernawh;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni 2007/445 skont it-talbiet inizjali tiegħu;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

36 Fl-osservazzjonijiet tiegħu, ippreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fid-29 ta' Lulju 2008, il-Kunsill esprima l-kunsens tiegħu fir-rigward ta' din it-talba għal adattament u rrisponda għall-argumenti inklużi fl-imsemmi att.

37 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-15 ta' Settembru 2008, ir-rikorrent talab li t-talbiet, il-motivi u l-argumenti tiegħu jiġu adattati b'tali mod li jirreferu wkoll għad-Deċiżjoni 2008/583. F'dan l-att huwa talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara dan l-adattament ammissibbli u tqis li r-rikors għal annullament huwa dirett kontra d-Deċiżjoni 2008/583;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni 2008/583 u, b'mod iktar partikolari, il-punti 1.26 u 2.7 tal-anness tagħha, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernawh;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjonijiet 2007/445, 2007/868 u 2008/343, skont it-talbiet preċedenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

38 Fl-osservazzjonijiet tiegħu ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fl-10 ta' Ottubru 2008, il-Kunsill esprima l-kunsens tiegħu fir-rigward ta' din it-talba għal adattament.

39 Permezz ta' att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fis-26 ta' Frar 2009, ir-rikorrent talab li t-talbiet, il-motivi u l-argumenti tiegħu jiġu adattati b'tali mod li jirreferu wkoll għad-Deċiżjoni 2009/62. F'dan l-att huwa talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara dan l-adattament ammissibbli u tqis li r-rikors għal annullament huwa dirett kontra d-Deċiżjoni 2009/62;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjoni 2009/62 u, b'mod iktar partikolari, il-punti 1.26 u 2.7 tal-anness tagħha, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jikkonċernawh;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjonijiet 2007/445, 2007/868, 2008/343 u 2008/583, skont it-talbiet preċedenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

40 Fl-osservazzjonijiet tiegħu ppreżentati fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-18 ta' Marzu 2009, il-Kunsill esprima l-kunsens tiegħu fir-rigward ta' din it-talba għal adattament.

41 Fid-dawl tar-rapport tal-Imħallef Relatur, il-Qorti tal-Prim'Istanza (is-Seba' Awla) iddeċidiet li tiftaħ il-proċedura orali.

42 Bl-eċċezzjoni tar-Renju Unit, li kien skużat, il-Qorti tal-Prim'Istanza semgħet it-trattazzjoni u r-risposti tal-partijiet għall-mistoqsijiet tagħha fis-seduta tat-30 ta' April 2009.

43 Matul is-seduta, il-Qorti tal-Prim'Istanza talbet lir-rikorrent jipproduċi, fi żmien sebat ijiem, dokument li kien diġà ddaħħal fil-proċess tal-kawża T-47/03 u li kien ġie invokat mill-ġdid mill-avukat tiegħu matul it-trattazzjoni fil-kawża preżenti, jiġifieri d-dikjarazzjoni tat-8 ta' Ottubru 2002 b'risposta għal mistoqsija parlamentari, magħmula mill-Ministru għall-Affarijiet Barranin ta' dak iż-żmien, J. De Hoop Scheffer, fir-rigward tal-attivitajiet taċ-CPP, tan-NPA u tar-rikorrent fil-Pajjiżi l-Baxxi.

44 Peress li r-rikorrent ikkonforma ruħu ma' din it-talba, il-Qorti tal-Prim'Istanza talbet lill-partijiet l-oħra jippreżentaw l-osservazzjonijiet bil-miktub tagħhom fuq l-imsemmi dokument, fi żmien sebat ijiem, u wara dan, il-proċedura orali ngħalqet.

45 Permezz ta' att ippreżentat fit-28 ta' Ġunju 2009, ir-rikorrent talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza titftaħ mill-ġdid il-proċedura orali sabiex tiġi adottata miżura ta' organizzazzjoni tal-proċedura li tippermettilu jadatta t-talbiet, il-motivi u l-argumenti tiegħu fid-dawl tal-adozzjoni tar-Regolament Nru 501/2009. F'dan l-att huwa talab lill-Qorti tal-Prim'Istanza jogħġobha:

— tiddikjara dan l-adattament ammissibbli u tqis li r-rikors għal annullament huwa dirett kontra r-Regolament Nru 501/2009;

— tannulla parzjalment ir-Regolament Nru 501/2009 u, b'mod iktar partikolari, il-punti 1.24 u 2.7 tal-anness tiegħu, sa fejn id-dispożizzjonijiet tiegħu jikkonċernawh;

— tannulla parzjalment id-Deċiżjonijiet 2007/445, 2007/868, 2008/343, 2008/583 u 2009/62, skont it-talbiet preċedenti;

— tikkundanna lill-Kunsill għall-ispejjeż.

46 Permezz ta' digriet tat-8 ta' Lulju 2009, il-Qorti tal-Prim'Istanza (Is-Seba' Awla) iddeċidiet li tordna l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, skont l-Artikolu 62 tar-Regoli tal-Proċedura. Permezz ta' ittra tar-Reġistru tal-10 ta' Lulju 2009, il-partijiet l-oħra ntalbu jieħdu pożizzjoni fuq it-talba għall-adozzjoni ta' miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura inklużi fid-dokument imsemmi fil-punt 45 iktar 'il fuq. Wara li nstemgħu dawn il-partijiet, il-Qorti tal-Prim'Istanza rriżervat id-deċiżjoni tagħha rigward din it-talba, u l-proċedura orali ngħalqet mill-ġdid permezz ta' deċiżjoni tas-7 ta' Lulju 2009.

Fuq il-konsegwenzi proċedurali tar-revoka tal-att ikkontestat inizjalment u tas-sostituzzjoni tiegħu b'atti oħra, matul il-kawża

47 Kif jirriżulta mill-espożizzjoni preċedenti, id-Deċiżjoni 2007/445 ġiet revokata u ssostitwita, wara l-preżentata tar-rikors, l-ewwel bid-Deċiżjoni 2007/868, imbagħad bid-Deċiżjoni 2008/343, wara bid-Deċiżjoni 2008/583, imbagħad bid-Deċiżjoni 2009/62 u fl-aħħar nett, bir-Regolament Nru 501/2009. Ir-rikorrent talab sussegwentement li jadatta t-talbiet inizjali tiegħu b'tali mod li r-rikors tiegħu jirreferi għall-annullament ta' dawn l-erba' deċiżjonijiet u ta' dan ir-regolament, sa fejn dawn l-atti jikkonċernawh. Barra minn hekk, huwa żamm it-talbiet tiegħu għall-annullament tal-

atti preċedenti revokati, filwaqt li sostna, f'dan ir-rigward, b'riferiment għas-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-3 ta' April 2008, PKK vs Il-Kunsill (T-229/02, Ġabra p. II-539, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata), li xorta għandu interess li jikseb l-annullament tal-atti kollha li inkludewh jew li żammewh fil-lista kkontestata, minkejja r-revoka tagħhom.

48 Skont ġurisprudenza stabbilita fil-qasam ta' proċeduri kontra miżuri suċċessivi ta' ffriżar ta' fondi, adottati skont ir-Regolament Nru 2580/2001 (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-23 ta' Ottubru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill, T-256/07, Ġabra p. II-3019, iktar 'il quddiem is-"sentenza PMOI I", punti 45 sa 48, u l-ġurisprudenza ċċitata), hemm lok li dawn it-talbiet jintlaqgħu.

49 Għaldaqstant f'dan il-każ għandu jitqies li r-rikors huwa intiż, fid-data tal-għeluq, wara l-ftuħ mill-ġdid tal-proċedura orali, għall-annullament tad-Deċiżjonijiet 2007/445, 2007/868, 2008/343, 2008/583 u 2009/62, kif ukoll tar-Regolament Nru 501/2009, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent, u l-partijiet għandhom jitħallew jifformulaw mill-ġdid it-talbiet, il-motivi u l-argumenti tagħhom fid-dawl ta' dawn l-elementi ġodda, li għalihom jimplika d-dritt li jippreżentaw talbiet, motivi u argumenti addizzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza tat-12 ta' Diċembru 2006, Organisation des Modjahedines du peuple d'Iran vs Il-Kunsill, T-228/02, Ġabra p. II-4665, iktar 'il quddiem is-"sentenza OMPI", punt 30).

50 Peress li l-espożizzjoni tal-motivi invokata mill-Kunsill sabiex jiġġustifika d-Deċiżjonijiet 2008/343, 2008/583 u 2009/62, kif ukoll ir-Regolament Nru 501/2009 kien fiha elementi addizzjonali meta mqabbla ma' dik invokata sabiex tiġġustifika d-deċiżjonijiet 2007/445 u 2007/868, u peress li, konsegwentement, ir-rikorrent biddel l-argumentazzjoni li żviluppa sabiex isostni t-talbiet tiegħu għall-annullament ta' dawn id-deċiżjonijiet, dawn id-deċiżjonijiet ser jiġu eżaminati separatament iktar 'il quddiem fis-sentenza preżenti.

Fuq it-talbiet għall-annullament tad-Deċiżjonijiet 2007/445 u 2007/868

51 Fil-kuntest ta' din il-proċedura mħaffa, ir-rikorrent jinvoka essenzjalment, erba' motivi insostenn tat-talbiet tiegħu għall-annullament tad-Deċiżjoni 2007/445. L-ewwel wieħed huwa bbażat fuq il-ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni. It-tieni wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. It-tielet wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Ir-raba' wieħed huwa bbażat fuq ksur tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u tad-drittijiet fudnamentali.

52 Barra minn hekk, ir-rikorrent iqis li dawn il-motivi u l-argumenti li jsostnuhom jiġġustifikaw ukoll, *mutatis mutandis*, l-annullament tad-Deċiżjoni 2007/868.

Fuq l-ewwel motiv, ibbażat fuq ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni

L-argumenti tal-partijiet

53 Ir-rikorrent isostni li l-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittri tal-Kunsill tat-23 ta' April u tad-29 ta' Ġunju 2007 ma tissodisfax il-ħtieġa ta' motivazzjoni kif stipulata fl-Artikolu 253 KE u kif ġiet iċċarata mill-ġurisprudenza.

54 Fl-ewwel lok, il-Kunsill ma rrispondiex għall-osservazzjonijiet iddettaljati kkomunikati mir-rikorrent fit-22 ta' Mejju 2007, anzi lanqas biss semmihom, u dan jindika li dawn ma ttieħdux inkunsiderazzjoni.

55 Fit-tieni lok, il-motivazzjoni annessa mal-ittra ta' notifika hija manifestament żbaljata, b'tali mod li ma tistax titqies li hija legalment adegwata. L-ewwel nett, l-espożizzjoni tal-motivi hija bbażata fuq sensiela ta' allegazzjonijiet fattwali mhux stabbiliti u mhux eżatti (ara, f'dan ir-rigward, il-punt 73 iktar 'il quddiem). It-tieni nett, il-Kunsill interpreta b'mod żbaljat is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank (ara, f'dan ir-rigward, il-punti 75 sa 78 iktar 'il quddiem). It-tielet nett, l-ebda waħda mill-erba' deċiżjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali invokati mill-Kunsill sabiex jiġġustifika l-adozzjoni tad-Deċiżjoni 2007/445 ma tissodisfa l-kriterji tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 (ara, f'dan ir-rigward, il-punti 74, 79 u 80 iktar 'il quddiem).

56 Fit-tielet lok, il-motivazzjoni annessa mal-ittra ta' notifika mhijiex "speċifika u konkreta" fis-sens tas-sentenza Sison (punti 198 u 217). L-ewwel nett, il-Kunsill għamel sempliċiment kunsiderazzjonijiet ġenerali. It-tieni nett, il-Kunsill ma spjegax għalfejn l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrent baqa' ġġustifikat għaxar snin wara d-deċiżjoni tar-rechtbank u tnax-il sena wara s-sentenza tar-Raad van State tal-1995, li t-tnejn li huma jirrigwardaw fatti li ġraw saħansitra qabel. It-tielet nett, il-Kunsill ma spjegax kif l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrent jista' jikkontribwixxi, b'mod konkret, għall-ġlieda kontra t-terroriżmu. Huwa ma pproduċa ebda prova li turi, b'mod raġonevoli, li r-rikorrent seta' juża l-fondi sabiex iwettaq jew jiffaċilita atti terroristiċi fil-futur.

57 Il-Kunsill, li jirreferi wkoll għall-argumenti tiegħu b'risposta għat-tieni motiv (punti 82 sa 85 iktar 'il quddiem), iqis li osserva l-ħtieġa ta' motivazzjoni tad-deċiżjonijiet ta' ffriżar ta' fondi kif iċċarata mis-sentenza Sison, billi pprovda lir-rikorrent b'informazzjoni preċiża li turi li ttieħdu deċiżjonijiet xierqa fil-konfront tiegħu mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. L-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittra ta' notifika tispeċifika wkoll li l-Kunsill huwa konvint li r-raġunijiet li wasslu għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista kkontestata għadhom validi.

58 F'dan ir-rigward il-Kunsill isostni li l-kwistjoni jekk miżuri restrittivi, meħuda kontra terrorist jew organizzazzjoni terroristika għandhomx jinżammu, hija kwistjoni ta' natura politika, li huwa biss il-leġiżlatur li jista' jiddeċidiha. Huwa għandu jqis l-elementi kollha inkwistjoni u, b'mod partikolari, l-involviment fil-passat tal-persuna

kkonċernata f'atti terroristiċi u l-intenzjonijiet attribwiti lilha għall-futur. Għandu jqis ukoll in-natura tad-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet nazzjonali kompetenti. Dawn l-elementi kollha jaffettwaw is-sigurtà tal-individwu kif ukoll il-protezzjoni tal-ordni pubbliku, żewġ oqsma li fihom il-Kunsill għandu diskrezzjoni kbira.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

59 L-għan tal-garanzija marbuta mal-obbligu ta' motivazzjoni, fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ffriżar ta' fondi skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, kif ukoll il-limiti ta' din il-garanzija li jistgħu b'mod leġittimu jiġu imposti fuq il-partijiet interessati, f'kuntest bħal dan, ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Prim'Istanza fis-sentenzi tagħha OMPI (punti 138 sa 151) u Sison (punti 185 sa 198).

60 B'mod partikolari, mill-punti 143 sa 146 u 151 tas-sentenza OMPI jirriżulta li kemm il-motivazzjoni għal deċiżjoni inizjali ta' ffriżar ta' fondi, kif ukoll il-motivazzjoni għal deċiżjonijiet sussegwenti għandhom jittrattaw mhux biss il-kundizzjonijiet legali għall-applikazzjoni tar-Regolament Nru 2580/2001, b'mod partikolari l-eżistenza ta' deċiżjoni nazzjonali ta' awtorità kompetenti, iżda wkoll ir-raġunijiet speċifiċi u konkreti li abbażi tagħhom il-Kunsill jikkunsidra, fl-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, li l-parti kkonċernata għandha tkun suġġetta għal miżura ta' ffriżar ta' fondi (ara wkoll, is-sentenza PMOI I, punt 81).

61 Barra minn hekk, kemm mill-punt 145 tal-istess sentenza, kif ukoll mill-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, li għalih jirreferi wkoll l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, jirriżulta li, għalkemm id-deċiżjonijiet sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi għandhom ikunu ppreċeduti minn "reviżjoni" tas-sitwazzjoni tal-parti kkonċernata, dan isir sabiex jiġi żgurat li ż-żamma tagħha fil-lista kkontestata "tibqa' ġġustifikata", jekk ikun il-każ, abbażi ta' informazzjoni jew ta' provi ġodda (ara wkoll is-sentenza PMOI I, punt 82).

62 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza madankollu ppreċiżat li, meta r-raġunijiet għal deċiżjoni sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi jkunu essenzjalment l-istess bħal dawk diġà invokati fl-okkażjoni ta' deċiżjoni preċedenti, tkun biżżejjed sempliċi dikjarazzjoni f'dan is-sens, b'mod partikolari meta l-parti kkonċernata tkun grupp jew entità (ara wkoll PMOI I, punt 82, u l-ġurisprudenza ċċitata).

63 F'dan il-każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonstata li l-Kunsill debitament ikkonforma ruħu mal-prinċipji stipulati fis-sentenzi OMPI, Sison u PMOI I, fil-kuntest tal-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati.

64 Fil-fatt, fl-espożizzjonijiet tal-motivi annessi mal-ittri tiegħu tat-23 ta' April, tad-29 ta' Ġunju 2007 u tal-21 ta' Jannar 2008 indirizzati lir-rikorrent, il-Kunsill irrefera għar-relazzjonijiet li, fil-fehma tiegħu, jeżistu bejn ir-rikorrent, iċ-CPP u n-NPA, u rrefera wkoll għal sensiela ta' atti, allegatament imwettqa mir-rikorrent jew min-NPA, li fil-fehma tiegħu jaqgħu taħt id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(3)(iii)(i) u (j) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u li kienu twettqu bl-għan imsemmi fl-Artikolu 1(3)(iii) tagħha. Fil-paragrafi sussegwenti tal-espożizzjoni tal-motivi tiegħu, il-Kunsill irrefera wkoll għas-sentenza tar-Raad van State tal-1995, għad-deċiżjoni tar-rechtbank, għad-Digriet Ministerjali DJZ/BR/749-02 tat-13 ta' Awwissu 2002 tal-Ministru tal-Affarijiet Barranin u tal-Ministru tal-Finanzi tal-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem is-"Sanctieregeling") u għad-deċiżjoni tal-Gvern tal-Istati Uniti li indikat lir-rikorrent bħala "Specially Designated Global Terrorist" skont id-Digriet Presidenzjali (Executive Order) Nru 13224, iffirmat mill-President George W. Bush fit-23 ta' Settembru 2001 (iktar 'il quddiem id-"deċiżjoni Amerikana"), deċiżjoni li huwa rrileva li tista' tiġi kkontestata skont id-dritt Amerikan. Minn dan il-Kunsill iddeduċa li kienu ttieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tar-rikorrent fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. Peress li mbagħad iddikjara lilu nnifsu konvint li r-raġunijiet għall-inklużjoni tar-rikorrent fil-lista kkontestata kienu għadhom validi, il-Kunsill informah bid-deċiżjoni tiegħu li jibqa' jissuġġettah għall-miżuri previsti fl-Artikolu 2(1) u (2) tar-Regolament Nru 2580/2001.

65 Barra minn hekk, għandu jiġi ammess li s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandu l-Kunsill, fir-rigward tal-elementi li għandhom jitqiesu sabiex jadotta jew iżomm miżura ta' ffriżar ta' fondi (sentenza OMPI, punt 159), testendi għall-evalwazzjoni tat-theddida li persuna jew entità li fil-passat tkun wettqet atti terroristiċi, tista' tkun

għadha tirrappreżenta, minkejja s-sospensjoni tal-attivitajiet terroristiċi tagħha matul perijodu xi fit jew wisq twil (sentenza PMOI I, punt 112).

66 F'dawn iċ-ċirkustanzi u fid-dawl tal-ġurisprudenza ċċitata fil-punt 62 iktar 'il fuq, il-Kunsill ma għandux ikun obbligat li jindika, b'mod iktar speċifiku, kif l-iffriżar tal-fondi tar-rikorrent jikkontribwixxi, b'mod konkret, għall-ġlieda kontra t-terroriżmu jew li jipproduċi provi sabiex juri li l-parti kkonċernata tista' tuża l-fondi tagħha sabiex twettaq jew tiffaċilita atti terroristiċi fil-futur, għall-kuntrarju ta' dak li ssostni din tal-aħħar.

67 Sa fejn ir-rikorrent jilmenta li l-Kunsill ibbaża ruħu fuq motivazzjoni manifestament żbaljata, għandu jitfakkar li, skont ġurisprudenza stabbilita, l-obbligu ta' motivazzjoni jikkostitwixxi rekwiżit proċedurali sostanzjali li għandu jiġi distint mill-kwistjoni tal-fondatezza tal-motivazzjoni, peress li din tirrigwarda l-legalità sostantiva tal-att ikkontestat (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-15 ta' Diċembru 2005, L-Italja vs Il-Kummisjoni, C-66/02, Ġabra p. I-10901, punt 26, sentenzi tal-Qorti tal-Prim'Istanza tal-5 ta' Diċemrbu 2006, Westfalen Gassen Nederland vs Il-Kummissjoni, T-303/02, Ġabra p. II-4567, punt 72, u PMOI I, punt 85). Għalhekk, kontestazzjoni tal-fondatezza ta' din il-motivazzjoni ma tistax tiġi eżaminata fl-istadju tal-istħarriġ tal-osservanza tal-obbligu previst fl-Artikolu 253 KE (sentenza L-Italja vs Il-Kummissjoni, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).

68 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu jiġi miċħud bħala irrilevanti fil-kuntest ta' dan il-motiv. Madankollu, huwa ser jitqies matul l-eżami tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, li fil-kuntest tiegħu jista' jkun rilevanti (ara l-punt 87 iktar 'il quddiem).

69 Sa fejn ir-rikorrent jilmenta li l-Kunsill ma rrispondiex għall-osservazzjonijiet bil-miktub tiegħu, għandu jitfakkar li għalkemm, skont l-Artikolu 253 KE, il-Kunsill huwa obbligat isemmi l-fatti li fuqhom tiddependi l-ġustifikazzjoni tal-atti li jadotta u l-kunsiderazzjonijiet legali li jkunu wassluh għalihom, din id-dispożizzjoni ma teżiġix li

l-Kunsill jiddiskuti kull punt ta' fatt u ta' liġi li jkunu tqajmu mill-partijiet interessati matul il-proċedura amministrattiva (ara s-sentenza PMOI I, punt 101, u l-ġurisprudenza ċċitata).

70 Għaldaqstant, dan l-ilment għandu wkoll jiġi miċħud bħala irrilevanti fil-kuntest ta' dan il-motiv. Madankollu, jista' jkun rilevanti fil-kuntest tal-eżami tal-motiv ibbażat fuq il-ksur tad-drittijiet tad-difiża.

71 Minn dak li ntqal jirriżulta li l-ksur allegat tal-obbligu ta' motivazzjoni ma ġiex stabbilit f'dan il-każ, b'tali mod li l-ewwel motiv għandu jiġi miċħud bħala infondat.

Fuq it-tieni motiv, ibbażat fuq ksur tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931

L-argumenti tal-partijiet

72 Ir-rikorrent isostni li f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u fl-Artkolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 mhumiex sodisfatti.

73 Fl-ewwel lok, l-allegazzjonijiet fattwali ppreżentati mill-Kunsill huma żbaljati u infondati. Huma ma jikkostitwixxux, għaldaqstant, "informazzjoni preċiża jew elementi fil-proċess" fis-sens tad-dispożizzjonijiet applikabbli. L-ewwel nett, il-Kunsill jallega, b'mod żbaljat u mingħajr ebda prova, li r-rikorrent huwa Armando Liwanag. It-tieni nett, il-Kunsill jallega, b'mod żbaljat u mingħajr ebda prova, li r-rikorrent huwa l-mexxej jew il-kap tal-"Partit Komunista tal-Filippini, inkluż tan-New People's Army (NPA)". It-tielet nett, il-Kunsill jippreżenta, b'mod żbaljat u mingħajr ebda prova, lir-rikorrent bħala "sostenitur tal-użu tal-vjolenza", minkejja r-rwol tiegħu fil-proċess ta'

paċi fil-Filippini. Ir-raba' nett, il-Kunsill jallega, b'mod żbaljat u mingħajr ebda prova, li r-rikorrent ta istruzzjonijiet lin-NPA għall-allegati attakki terroristiċi fil-Filippini.

74 Fit-tieni lok, la r-Raad van State fl-1995 u lanqas ir-rechtbank fl-1997 ma kienu kompetenti jibdew investigazzjoni jew jiżguraw li jkun hemm prosekuzzjoni marbuta ma' att terroristiku. F'dan is-sens, minkejja li r-Raad van State u r-rechtbank huma awtoritajiet ġudizzjarji, ma jistgħux jitqiesu bħala "awtoritajiet kompetenti" fis-sens tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

75 Barra minn hekk, il-Kunsill interpreta s-sentenza tar-Raad van State tal-1995, u d-deċiżjoni tar-rechtbank, b'mod totalment żbaljat.

76 Fl-ewwel lok, ir-rechtbank ma "ikkonferma[x]" is-sentenza tar-Raad van State tal-1995, peress li l-kwistjoni li ġiet ippreżentata lilu kienet totalment differenti minn dik ippreżentata lir-Raad van State. Minn naħa, fil-fatt, ir-Raad van State kellu jiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk il-Ministru tal-Ġustizzja Olandiż setax japplika fil-konfront tar-rikorrent id-dispożizzjoni tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra tat-28 ta' Lulju 1951 dwar l-istatus tar-refuġjati, emendata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 (iktar 'il quddiem il-"Konvenzjoni ta' Ġinevra", sabiex jiġi miċħud lilu l-istatus ta' refuġjat. Ir-Raad van State rrisponda għal din id-domanda b'mod negattiv u rrikonoxxa favur ir-rikorrent l-istatus ta' refuġjat skont l-Artikolu 1(A) tal-imsemmija konvenzjoni. Min-naħa l-oħra, ir-rechtbank kellu jiddeċiedi dwar il-kwistjoni jekk il-Ministru tal-Ġustizzja Olandiż setax legalment jirrifjuta li jagħti lir-rikorrent permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi, għal raġunijiet ta' interess ġenerali, minkejja li kien ġie rrikonoxxut bħala refuġjat. L-uniku punt fejn ir-rechtbank "ikkonferma" s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 jikkonċerna l-inapplikabbiltà tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra fir-rigward tar-rikorrent.

77 Fit-tieni lok, il-Qrati Olandiżi la ddeċidew u lanqas ikkonstataw fil-fatt li r-rikorrent kien "responsabbli għal ċertu numru ta' attakki terroristiċi fil-Filippini", peress li din il-kwistjoni qatt ma ġiet sottomessa lilhom. Ir-rechtbank kellu jiddeċiedi dwar

il-kwistjoni jekk il-Ministru tal-Ġustizzja setax jirrifjuta li jagħti permess ta' residenza lir-rikorrent "għal raġunijiet gravi bbażati fuq l-interess ġenerali" u b'mod iktar partikolari, meta jitqies "l-interess essenzjali tal-Istat Olandiż, jiġifieri l-integrità u l-kredibbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala Stat sovran, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna r-responsabbilitajiet tiegħu fir-rigward ta' Stati oħra". Huwa evidenti li l-kunċett ta' "interess ġenerali" mhuwiex ekwivalenti għal dak kopert mill-espressjoni "iwettaq jew jiffaċilita att terroristiku". Bl-istess mod, ir-Raad van State kellu jiddeċiedi dwar l-applikabbiltà tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. F'din l-okkażjoni, ir-Raad van State qies li l-provi prodotti mis-Servizzi tas-Sigurtà Olandiża "ma j[offr]ux […] bażi fattwali suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-konklużjoni li r-[rikorrent] kien mexxa operazzjonijiet [terroristiċi tan-NPA fil-Filippini] u [kien] responsabbli b'tali mod li jista' jitqies li hemm raġunijiet serji sabiex jiġi soppost li r-[rikorrent] kien effettivament wettaq id-delitti gravi msemmija [fl-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra]".

78 Fit-tielet lok, il-Qrati Olandiżi ma ddeċidewx li r-rikorrent "kien iżomm kuntatti ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha". Fid-deċiżjoni tiegħu, ir-rechtbank sempliċement jirreferi, b'mod każwali, għal "indikazzjonijiet ta' kuntatti personali bejn ir-rikorrent u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet terroristiċi". Ir-rikorrent jiċħad li kellu kuntatti bħal dawn u jenfasizza li ma kellux aċċess għad-dokumenti tas-Servizzi tas-sigurtà Olandiża li fuqhom hija bbażata din il-kunsiderazzjoni tar-rechtbank, u dan, fil-fehma tiegħu, jikkostitwixxi ksur tal-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB), iffirmata f'Ruma fl-4 ta' Novembru 1950. Fi kwalunkwe każ, ir-rikorrent isostni li sempliċi kuntatti ma' membri ta' organizzazzjoni kkunsidrata bħala terroristika mill-awtoritajiet nazzjonali ma jikkostitwixxux, fihom infushom, att ta' parteċipazzjoni fi jew li jiffaċilita, att terroristiku fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

79 Fit-tielet lok, fir-rigward, minn naħa, tas-Sanctieregeling (ara s-sentenza Sison, punt 80) u, min-naħa oħra, tad-deċiżjoni Amerikana (ara s-sentenza Sison, punt 79), ir-rikorrent jirrileva li dawn huma deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet amministrattivi u mhux deċiżjonijiet meħuda minn awtoritajiet ġudizzjarji jew ekwivalenti. Dawn id-deċiżjonijiet ma jistgħux, għaldaqstant, jitqiesu li ttieħdu minn "awtorità kompetenti", fis-sens tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

80 Għal dak li jirrigwarda l-fatt, invokat mill-Kunsill, li d-deċiżjoni Amerikana "tista' tiġi kkontestataa skont id-dritt Amerikan", ir-rikorrent isostni li dan ma jagħmilhiex fiha nfisha deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja. Huwa jżid jgħid li, jekk għadu ma ppreżentax rikors kontra din id-deċiżjoni, dan huwa preċiżament minħabba l-fatt li ma għandux il-mezzi finanzjarji sabiex jagħmel hekk, minħabba l-iffriżar ta' fondi impost mid-Deċiżjoni 2007/445, u mhux għaliex jaqbel magħha.

81 Il-Kunsill isostni li, f'dan il-każ, il-kundizzjonijiet legali msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 huma sodisfatti.

82 Fl-ewwel lok huwa jsostni, minn naħa, li kull allegazzjoni fattwali fformulata fl-espożizzjonijiet tal-motivi annessi mal-ittri ta' notifika hija eżatta u, min-naħa oħra, li huwa interpreta b'mod korrett is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank. Fil-fehma tiegħu, il-mod li bih ir-rikorrent jippreżenta l-imsemmija fatti, sentenza u deċiżjoni huwa żbaljat u fallaċi.

83 F'dan ir-rigward, il-Kunsill jirreferi għad-deskrizzjoni tal-proċeduri amministrattivi u ġudizzjarji kontra r-rikorrent fil-Pajjiżi l-Baxxi, kif ukoll għas-sommarju tas-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank inklużi fil-punti 49, 50 u 56 sa 70 tas-sentenza Sison. Fid-dawl ta' dawn l-elementi, huwa b'mod żbaljat li r-rikorrent iqis bħala mhux stabbiliti l-affermazzjonijiet tal-Kunsill li huwa l-mexxej taċ-CPP, inkluża n-NPA, li sejjaħ għall-użu tal-vjolenza, li mexxa jew li prova jmexxi n-NPA, grupp responsabbli għal ċertu numru ta' attakki terroristiċi fil-Filippini, u li kellu kuntatti ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha. Huwa wkoll b'mod fallaċi li r-rikorrent jallega li ġie rrikonoxxut bħala refuġjat mir-Raad van State u mir-rechtbank. Fir-realità, ir-rikorrent la qatt kiseb l-istatus ta' refuġjat u lanqas il-permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi, u dan ġie kkonfermat mir-rechtbank.

84 Għal dak li jirrigwarda l-allegazzjoni tar-rikorrent li ma setax jiddefendi ruħu effettivament quddiem ir-rechtbank, minħabba l-fatt li ma kellux aċċess għal ċerti elementi tal-proċess, meqjusa li huma kunfidenzjali (ara l-punt 78 iktar 'il fuq),

il-Kunsill jirrispondi, minn naħa, li dan l-argument jikkonċerna l-proċeduri quddiem il-qorti nazzjonali kompetenti u, min-naħa l-oħra, li r-rikorrent dak iż-żmien kien aċċetta li l-elementi tal-proċess inkwistjoni jiġu eżaminati mill-President tar-rechtbank u li jittieħdu inkunsiderazzjoni minnu mingħajr ma jiġu kkomunikati lilu, kif jirriżulta mill-punt 6 tad-deċiżjoni tar-rechtbank (ara wkoll is-sentenza Sison, punt 62).

85 Fit-tieni lok, il-Kunsill isostni li r-Raad van State u r-rechtbank qiesu l-fatti msemmija fl-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittra ta' notifika u li huma mfakkra fil-punt 83 iktar 'il fuq, bħala stabbiliti. Fil-fehma tiegħu, dawn il-fatti jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni tal-Artikolu 1(3)(iii)(i) (theddida li jitwettqu atti terroristiċi) u (j) (tmexxija ta' grupp terroristiku) tal-Pożizzjoni Komuni 20011/931. Il-Kunsill iqis, għalhekk, li l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 ġie applikat b'mod korrett għas-sitwazzjoni tar-rikorrent u li ma wettaqx żball manifest ta' evalwazzjoni f'dan ir-rigward, sitwazzjoni li tista' biss tkun suġġetta għal stħarriġ ġudizzjarju mill-Qorti tal-Prim'Istanza (sentenza Sison, punt 206).

86 Fit-tielet lok, il-Kunsill isostni, għal dak li jirrigwarda d-deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet amministrattivi Olandiżi u Amerikani fir-rigward tar-rikorrent (ara l-punt 79 iktar 'il fuq), li l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 ma jeħtieġx li d-deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti tkun neċessarjament meħuda minn awtorità ġudizzjarja. Barra minn hekk, huwa jenfasizza li dawn id-deċiżjonijiet jistgħu jiġu suġġetti għal eżami mill-ġdid mill-qrati Olandiżi u Amerikani. Fi kwalunkwe każ, il-Kunsill isostni li huwa ma bbażax id-deċiżjonijiet ikkontestati fuq id-deċiżjonijiet inkwistjoni, iżda fuq is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u fuq id-deċiżjoni tar-rechtbank.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

87 Fl-ewwel lok, għandu jiġi eżaminat l-ilment tar-rikorrent li l-allegazzjonijiet fattwali inklużi fl-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittri tal-Kunsill tat-23 ta' April, tad-29 ta' Ġunju 2007 u tal-21 ta' Jannar 2008 huma żbaljati u infondati. Dan l-ilment huwa,

essenzjalment, identiku għal dak żviluppat fil-kuntest tal-ewwel motiv, fis-sens li l-motivazzjoni annessa mal-ittri ta' notifika hija manifestament żbaljata (ara l-punt 55 iktar 'il fuq).

88 Madankollu, għandu jiġi kkonstatat li l-allegazzjonijiet inkwistjoni, għajr dik li r-rikorrent huwa Armando Liwanag, li madankolu mhijiex rilevanti f'dan il-każ, huma debitament sostnuti mill-elementi tal-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Prim'Istanza u, b'mod iktar partikolari, mill-konstatazzjonijiet ta' fatt magħmula b'diskrezzjoni assoluta mir-Raad van State u rriprodotti mir-rechtbank, li huma *res judicata*. F'dan ir-rigward, huwa biżżejjed li jsir riferiment għall-punti 46 sa 70 tas-sentenza Sison, riprodotti wkoll fil-punt 106 iktar 'il quddiem.

89 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ilmenti tar-rikorrent ibbażati fuq żball, f'dan il-każ manifest, tal-evalwazzjoni tal-fatti, għandhom jiġu miċħuda bħala infondati.

90 Fit-tieni lok, għandhom jiġu eżaminati flimkien l-ilmenti tar-rikorrent li jallegaw li la s-sentenza tar-Raad van State tal-1995, la d-deċiżjoni tar-rechtbank, la s-Sanctieregeling u lanqas id-deċiżjoni Amerikana ma jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u l-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

91 F'dan ir-rigward, il-Qorti tal-Prim'Istanza tfakkar li, fis-sentenzi OMPI, PMOI I, u tal-4 ta' Diċembru 2008, People's Mojahedin Organization of Iran vs Il-Kunsill (T-284/08, Ġabra p. II-3487, iktar 'il quddiem is-"sentenza PMOI II"), hija speċifikat x'inhuma: a) il-kundizzjonijiet għall-implementazzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001; b) l-oneru tal-prova li għandu l-Kunsill f'dan il-kuntest; ċ) il-portata tal-istħarriġ ġudizzjarju f'dan il-qasam.

92 Kif il-Qorti tal-Prim'Istanza osservat fil-punti 115 u 116 tas-sentenza OMPI u fil-punt 130 tas-sentenza PMOI I, il-punti ta' fatt u ta' liġi li jistgħu jaffettwaw l-applikazzjoni ta' miżura ta' ffriżar tal-fondi ta' persuna, grupp jew entità huma stabbiliti fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001. Taħt din in-dispożizzjoni, il-Kunsill, li jiddeċiedi b'mod unanimu, għandu jistabbilixxi, jirrevedi u jemenda l-lista ta' persuni, ta' gruppi u ta' entitajiet li għalihom japplika l-imsemmi regolament, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) sa (6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. Il-lista inkwistjoni għandha għaldaqstant tiġi stabbilita, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, abbażi ta' informazzjoni preċiża jew ta' elementi fil-proċess li juru li ttieħdet deċiżjoni minn awtorità kompetenti fir-rigward tal-persuni, tal-gruppi u tal-entitajiet ikkonċernati, kemm fil-kuntest tal-bidu ta' investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni għal att terroristiku, jew attentat li jitwettaq, jew parteċipazzjoni fi, jew faċilitazzjoni ta' att bħal dan, ibbażata fuq provi jew indizji serji u kredibbli, kif ukoll fil-kuntest tal-kundanna għal fatti bħal dawn. "Awtorità kompetenti" tfisser awtorità ġudizzjarja jew, jekk l-awtoritajiet ġudizzjarji mhumiex kompetenti fil-qasam, awtorità kompetenti ekwivalenti f'dan il-qasam. Barra minn hekk, l-ismijiet tal-persuni u tal-entitajiet inklużi fil-lista għandhom jiġu eżaminati mill-ġdid f'intervalli regolari, għall-inqas darba kull sitt xhur, sabiex jiġi żgurat li ż-żamma tagħhom fil-lista tibqa' ġustifikata, skont id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1(6) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

93 Fil-punt 117 tas-sentenza OMPI, fil-punt 131 tas-sentenza PMOI I, u fil-punt 51 tas-sentenza PMOI II, il-Qorti tal-Prim'Istanza ddeduċiet minn dawn id-dispożizzjonijiet li l-proċedura li tista' twassal għal miżura ta' ffriżar ta' fondi skont il-leġiżlazzjoni rilevanti sseħħ fuq żewġ livelli, wieħed nazzjonali, l-ieħor Komunitarju. Fl-ewwel fażi, awtorità nazzjonali kompetenti, bħala prinċipju waħda li hija ġudizzjarja, għandha tieħu kontra l-parti kkonċernata deċiżjoni li tissodisfa d-definizzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. Jekk din hija deċiżjoni ta' bidu ta' investigazzjoni jew ta' prosekuzzjoni, din għandha tkun ibbażata fuq provi jew indizji serji u kredibbli. Fit-tieni fażi, il-Kunsill, li jiddeċiedi b'mod unanimu, għandu jiddeċiedi jekk jinkludix lill-parti kkonċernata fil-lista kkontestata, fuq il-bażi ta' informazzjoni preċiża jew elementi fil-proċess li juru li ttieħdet tali deċiżjoni. Imbagħad, il-Kunsill għandu jiżgura f'intervalli regolari, għall-inqas darba kull sitt xhur, li ż-żamma fil-lista kkontestata tal-parti kkonċernata tibqa' ġustifikata. F'dan ir-rigward, il-verifika tal-eżistenza ta' deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali li tissodisfa l-imsemmija definizzjoni tidher li hija prerekwiżit essenzjali għall-adozzjoni, mill-Kunsill, ta' deċiżjoni inizjali ta' ffriżar ta' fondi, filwaqt li l-verifika tal-konsegwenzi ta' dik id-deċiżjoni fuq livell nazzjonali tidher indispensabbli fil-kuntest tal-adozzjoni ta' deċiżjoni sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi.

94 Fil-punt 123 tas-sentenza OMPI, fil-punt 132 tas-sentenza PMOI I u fil-punt 52 tas-sentenza PMOI II, il-Qorti tal-Prim'Istanza fakkret, barra minn hekk, li skont l-Artikolu 10 KE, ir-relazzjonijiet bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet Komunitarji huma rregolati bi dmirijiet reċiproċi ta' kooperazzjoni leali (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ottubru 2003, L-Irlanda vs Il-Kummissjoni, C-339/00, Ġabra p. I-11757, punti 71 u 72, u l-ġurisprudenza ċċitata). Dan il-prinċipju huwa ta' applikazzjoni ġenerali u japplika, b'mod partikolari, fil-kuntest tal-kooperazzjoni mill-pulizija u ġudizzjarja f'materji kriminali [qasam magħruf bħala "Ġustizzja u Affarijiet Interni" (ĠAI)] irregolata mit-Titolu VI tat-Trattat UE li, barra minn hekk, hija kompletament ibbażata fuq il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri u l-istituzzjonijiet (sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tas-16 ta' Ġunju 2005, Pupino, C-105/03, Ġabra p. I-5285, punt 42).

95 Fil-punt 124 tas-sentenza OMPI, fil-punt 133 tas-sentenza PMOI I u fil-punt 53 tas-sentenza PMOI II, il-Qorti tal-Prim'Istanza qieset li, fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, dispożizzjonijiet li jistabbilixxu forma ta' kooperazzjoni speċifika bejn il-Kunsill u l-Istati Membri, fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu, dan il-prinċipju jinvolvi, għall-Kunsill, l-obbligu li joqgħod, sa fejn possibbli, fuq l-evalwazzjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti, tal-anqas fil-każ li din tkun awtorità ġudizzjarja, b'mod partikolari fir-rigward tal-eżistenza ta' "provi jew indizji serji u kredibbli" li fuqhom id-deċiżjoni tagħha tkun ibbażata.

96 Kif ġie deċiż fil-punt 134 tas-sentenza PMOI I u fil-punt 54 tas-sentenza PMOI II, minn dak li ntqal jirriżulta li għalkemm huwa l-Kunsill li għandu l-oneru tal-prova li l-iffriżar tal-fondi ta' persuna, ta' grupp jew ta' entità huwa jew għadu legalment ġustifikat, fid-dawl tal-leġiżlazzjoni rilevanti, l-għan ta' din il-prova huwa relattivament limitat, fuq livell tal-proċedura Komunitarja ta' ffriżar ta' fondi. Fil-każ ta' deċiżjoni inizjali ta' ffriżar ta' fondi, hija tirrigwarda essenzjalment l-eżistenza ta' informazzjoni speċifika jew ta' elementi fil-proċess li juru li deċiżjoni ta' awtorità nazzjonali li tissodisfa d-definizzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 ittieħdet kontra l-parti kkonċernata. Barra minn hekk, fil-każ ta' deċiżjoni sussegwenti ta' ffriżar ta' fondi, wara eżami mill-ġdid, l-oneru tal-prova essenzjalment jirrigwarda l-kwistjoni ta' jekk l-iffriżar ta' fondi jibqax ġustifikat fid-dawl taċ-ċirkustanzi kollha rilevanti ta' dan il-każ, b'mod partikolari fid-dawl tal-azzjoni meħuda wara l-imsemmija deċiżjoni tal-awtorità nazzjonali kompetenti.

97 Dwar l-istħarriġ eżerċitat mill-Qorti tal-Prim'Istanza, din il-Qorti rrikonoxxiet, fil-punt 159 tas-sentenza OMPI, fil-punt 137 tas-sentenza PMOI I u fil-punt 55 tas-sentenza PMOI II, li l-Kunsill għandu setgħa diskrezzjonali wiesgħa fir-rigward tal-elementi li għandu jqis għall-adozzjoni ta' sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji abbażi tal-Artikoli 60 KE, 301 KE u 308 KE, skont pożizzjoni komuni adottata taħt il-Politika Barranija u ta' Sigurtà Komuni. Din is-setgħa diskrezzjonali tikkonċerna, b'mod partikolari, il-kunsiderazzjonijiet ta' kemm dawn il-miżuri, li fuqhom dawn id-deċiżjonijiet ikunu bbażati, ikunu xierqa.

98 Madankollu, għalkemm il-Qorti tal-Prim'Istanza tirrikonoxxi li l-Kunsill għandu marġni ta' diskrezzjoni f'dan il-qasam, dan ma jfissirx li hija għandha toqgħod lura milli tistħarreġ l-interpretazzjoni, minn din l-istituzzjoni, tal-informazzjoni rilevanti (ara s-sentenzi PMOI I, punt 138, u PMOI II, punt 55). Fil-fatt, il-qorti Komunitarja għandha, b'mod partikolari, mhux biss tivverifika l-eżattezza materjali tal-provi invokati, l-affidabbiltà u l-koerenza tagħhom, iżda għandha tistħarreġ ukoll jekk dawn il-provi jikkostitwixxux l-informazzjoni rilevanti kollha li għandha titqies għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni u jekk dawn humiex ta' natura li jissostanzjaw il-konklużjonijiet ibbażati fuqhom. Madankollu, fil-kuntest ta' dan l-istħarriġ, mhuwiex il-kompitu tagħha li tissostitwixxi l-evalwazzjoni tal-adegwatezza tal-miżuri magħmula mill-Kunsill bl-evalwazzjoni tagħha (ara, b'analoġija, is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-22 ta' Novembru 2007, Spanja vs Lenzing, C-525/04 P, Ġabra p. I-9947, punt 57, u l-ġurisprudenza ċċitata).

99 F'dan il-każ, qabel kollox jeħtieġ jiġi vverifikat, skont din il-ġurisprudenza, jekk id-deċiżjonijiet ikkontestati ttieħdux abbażi ta' informazzjoni preċiża jew ta' elementi tal-proċess li juru li deċiżjoni li tissodisfa d-definizzjoni tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 ittieħdet fil-konfront tar-rikorrent.

100 F'dan ir-rigward, l-espożizzjonijiet tal-motivi annessi mal-ittri tal-Kunsill tal-23 ta' April, tad-29 ta' Ġunju 2007 u tal-21 ta' Jannar 2008 indirizzati lir-rikorrent, jirreferu għal erba' deċiżjonijiet li fir-rigward tagħhom jista' jiġi allegat *a priori* li ttieħdu minn awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, jiġifieri: is-sentenza tar-Raad van State tal-1995, id-deċiżjoni tar-rechtbank, is-Sanctieregeling u d-deċiżjoni Amerikana.

101 Madankollu, fir-risposta tiegħu (punt 31) il-Kunsill sostna li, għall-finijiet tal-proċeduri preżenti, u għalkemm ħass li kellu kull dritt jikkunsidra li s-Sanctieregeling u d-deċiżjoni Amerikana huma wkoll deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti fis-sens ta' din dispożizzjoni, li fuqhom seta' jibbaża d-deċiżjoni tiegħu stess, huma biss is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank li jinvoka bħala li jikkostitwixxu tali deċiżjonijiet.

102 Matul is-seduta, il-Kunsill u r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kkonfermaw espressament dan il-punt, bi tweġiba għal mistoqsija magħmula mill-Qorti tal-Prim'Istanza, filwaqt li ppreċiżaw li s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank jikkostitwixxu l-uniċi żewġ deċiżjonijiet meħuda mill-awtoritajiet kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, li fuqhom huma bbażati d-deċiżjonijiet ikkontestati. Il-Kunsill żied jgħid li s-Sanctieregeling u d-deċiżjoni Amerikana kienu ttieħdu inkunsiderazzjoni minnu, fil-kuntest tal-eżerċizzju tas-setgħa diskrezzjonali tiegħu, biss bħala fatti intiżi sabiex jikkorroboraw il-konstatazzjonijiet magħmula fiż-żewġ deċiżjonijiet inkwistjoni, li jikkonċernaw l-involviment kontinwu tar-rikorrent fiċ-CPP u n-NPA.

103 Dawn l-ispjegazzjonijiet, li, barra minn hekk, huma konsistenti ma' dawk diġà mressqa mill-Kunsill u mill-Pajjiżi l-Baxxi fil-kuntest tal-kawża T-47/03 (ara s-sentenza Sison, punti 211 u 222), huma ekwivalenti għal ammissjoni ġudizzjarja li għandha tibbenifika lir-rikorrent, peress li mhumiex manifestament inkompatibbli mal-kliem stess tad-deċiżjonijiet ikkontestati permezz ta' dan ir-rikors.

104 Barra minn hekk, ma ġiex stabbilit u lanqas ma ġie allegat li d-deċiżjonijiet ikkontestati ttieħdu abbażi ta' deċiżjoni oħra ta' awtorità kompetenti, fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. B'mod partikolari, mhuwiex allegat li r-rikorrent huwa jew kien suġġett għal kwalunkwe deċiżjoni ta' investigazzjoni, prosekuzzjoni jew kundanna fil-Filippini, marbuta mal-attivitajiet terroristiċi preżunti taċ-CPP u tan-NPA.

105 Konsegwentement, il-Qorti tal-Prim'Istanza għandha tillimita l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjonijiet ikkontestati, fid-dawl tar-rekwiżiti msemmija iktar 'il fuq tal-Artikolu 1 (4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001, biss għal eżami tas-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u tad-deċiżjoni tar-rechtbank.

106 F'dan ir-rigward, qabel kollox għandu jitfakkar il-kuntest li fih ingħataw is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank, kif ukoll il-kontenut eżatt u l-portata eżatta ta' din is-sentenza u din id-deċiżjoni, kif ġew iddefiniti mill-Qorti tal-Prim'Istanza fil-punti 46 sa 70 tas-sentenza Sison:

"46 Mill-proċess jirriżulta li r-rikorrent, li huwa ċittadin Fillippin, ilu jirrisjedi l-Pajjiżi l-Baxxi sa mill-1987. Wara li f'Settembru 1988 il-Gvern Filippin irtiralu l-passaport, huwa ressaq talba sabiex jiġi rikonoxxut lilu l-istatus ta' refuġjat u sabiex jikseb permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi, għal raġunijiet umanitarji. Din it-talba ġiet irrifjutata permezz ta' deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja (iktar 'il quddiem is-'Segretarju tal-Istat') tat-13 ta' Lulju 1990, abbażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra […]

47 Wara li t-talba tar-rikorrent għal reviżjoni ta' din id-deċiżjoni ġiet impliċitament irrifjutata mis-Segretarju tal-Istat, ir-rikorrent ippreżenta rikors quddiem ir-Raad van State (Kunsill tal-Istat, il-Pajjiżi l-Baxxi), kontra din id-deċiżjoni impliċita ta' rifjut.

48 Permezz ta' sentenza tas-17 ta' Diċembru 1992 (iktar 'il quddiem is-'sentenza tar-Raad van State tal-1992'), ir-Raad van State annulla l-imsemmija deċiżjoni impliċita ta' rifjut. Din il-qorti qieset, essenzjalment, li s-Segretarju tal-Istat ma kienx indika, b'mod suffiċjenti skont il-liġi, liema atti attribwiti lir-rikorrent kienu wassluh jikkonkludi li dan kien jaqa' taħt l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. F'dan il-kuntest, ir-Raad van State enfasizza li d-dokumenti li ġew ikkomunikati lilu b'mod kunfidenzjali, mis-Segretarju tal-Istat, ma kinux ċari biżżejjed fuq dan il-punt. Peress li dan in-nuqqas ta' ċarezza ma setax jiġi rrimedjat permezz ta' seduta *inter partes*, minħabba n-natura kunfidenzjali tad-dokumenti inkwistjoni,

ir-Raad van State qies li l-informazzjoni li dawn kien fihom, sa fejn huma ma kinux ċari, ma setgħux jiġu interpretati f'sens mhux favorevoli għar-rikorrent.

49 Permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Marzu 1993, is-Segretarju tal-Istat caħad mill-ġdid it-talba tar-rikorrent għal reviżjoni tad-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 1990. Din id-deċiżjoni ta' rifjut kienet motivata, prinċipalment, abbażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u, sussidjarjament, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet (liġi Olandiża dwar il-barranin), fid-dawl tal-interssi essenzjali tal-Istat Olandiż, jiġifieri l-integrità u l-kredibbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala Stat sovran, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna r-responsabbilitajiet tiegħu fir-rigward ta' Stati oħra.

50 Fuq rikors tar-rikorrent, permezz ta' sentenza tal-21 ta' Frar 1995 (iktar 'il quddiem is-'sentenza tar-Raad van State tal-1995'), ir-Raad van State annulla l-imsemmija deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat tas-26 ta' Marzu 1993.

51 F'din is-sentenza, ir-Raad van State kkonstata li s-Segretarju tal-Istat kien iġġustifika d-deċiżjoni tiegħu billi bbaża ruħu fuq l-elementi li ġejjin:

— ittra tal-Binnenlandse Veiligheidsdienst (Servizz għas-Sigurtà Interna tal-Pajjiżi l-Baxxi, iktar 'il quddiem il-'BVD') tat-3 ta' Marzu 1993, li minnha rriżulta, minn naħa, li r-rikorrent kien il-president u l-kap tal-Partit Komunista Filippin (iktar 'il quddiem iċ-'CPP') u, min-naħa oħra, li l-fergħa militari taċ-CPP, in-NPA, kienet tiddependi mill-kumitat ċentrali taċ-CPP u, għaldaqstant, mir-rikorrent;

— il-konstatazzjonijiet tal-BVD, minn naħa li r-rikorrent kien fil-fatt imexxi lin-NPA u, min-naħa oħra, li n-NPA, u għaldaqstant ir-rikorrent, kienet responsabbli għal numru kbir ta' atti terroristiċi fil-Filippini.

52 Ir-Raad van State rrileva l-eżempji ta' atti terroristiċi li ġejjin, mogħtija mis-Segretarju tal-Istat fid-deċiżjoni tiegħu tas-26 ta' Marzu 1993:

— il-qtil ta' 40 abitant (il-biċċa l-kbira nisa u tfal li ma setgħux jiddefendu ruħhom) tal-villaġġ ta' Digos, fuq il-gżira ta' Mindanao (il-Filippini), fil-25 ta' Ġunju 1989;

— sparatura ta' armi tan-nar fuq erbatax-il persuna, fosthom sitt itfal, fil-villaġġ ta' Dipalog (il-Filippini), f'Awwissu 1989;

— l-eżekuzzjoni ta' erba' abitanti tal-villaġġ ta' Del Monte (il-Filippini), fis-16 ta' Ottubru 1991.

53 Ir-Raad van State rrileva wkoll li s-Segretarju tal-Istat kien irrefera għat-tkeċċijiet politiċi mwettqa fl-1985 fi ħdan iċ-CPP u tan-NPA, li matulhom ġie stimat li 800 membru ta' dawn l-organizzazzjonjiet ġew assassinati mingħajr ebda forma ta' proċess kontrihom.

54 Fl-aħħar nett, ir-Raad van State rrileva li, fil-fehma tas-Segretarju tal-Istat, il-BVD kien ukoll ikkonstata li ċ-CPP u n-NPA kellhom kuntatti ma' organizzazzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha, u li kienu ġew osservati wkoll kuntatti personali bejn ir-rikorrent u rappreżentanti ta' dawn l-organizzazzjonijiet.

55 Ir-Raad van State, imbagħad, eżamina, skont proċedura speċjali, ċerti elementi kunfidenzjali fil-fajl tas-Segretarju tal-Istat, kif ukoll 'elementi operattivi' li fuqhom kienet ibbażata l-ittra indirizzata lilu mill-BVD fit-3 ta' Marzu 1993 (punt 51 iktar 'il fuq).

56 Filwaqt li bbaża ruħu fuq l-elementi msemmija hawn fuq, ir-Raad van State mbagħad iddeċieda kif ġej:

'Ir-[Raad van State], abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq, iqis bħala suffiċjentement plawżibbli li r-[rikorrent] kien, fiż-żmien tad-deċiżjoni [tas-26 ta' Marzu 1993], il-president u l-kap taċ-CPP. Barra minn hekk, il-provi li jiġġustifikaw il-konklużjoni li n-NPA hija suġġetta għall-kumitat ċentrali taċ-CPP u l-konklużjoni li fiż-żmien tad-deċiżjoni [tas-26 ta' Marzu 1993], ir-[rikorrent] għall-anqas ipprova jmexxi effettivament in-NPA, mill-Pajjiżi l-Baxxi. Ir-[Raad van State] iqis ukoll bħala suffiċjentement plawżibbli, abbażi biss ta' sorsi pubbliċi bħar-rapporti tal-Amnesty International, li n-NPA hija responsabbli għal numru kbir ta' atti terroristiċi fil-Filippini. Il-provi jagħtu, barra minn hekk, bażi fattwali għall-konklużjoni li r-[rikorrent] għall-anqas ipprova jmexxi l-attivitajiet imsemmija hawn fuq, imwettqa taħt ir-responsabbiltà tan-NPA fil-Filippini. Mill-provi prodotti jirriżulta wkoll li teżisti bażi fattwali li tiġġustifika l-argument tas-[Segretarju tal-Istat] li ċ-CPP [u n-]NPA għandhom kuntatti ma' organizz-azzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha u li kien hemm kuntatti personali bejn ir-[rikorrent] u rappreżentanti ta' dawn l-organizzazzjonijiet. Il-provi inkwistjoni ma joffrux, madankollu, bażi fattwali li hija suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-konklużjoni li r-[rikorrent] mexxa l-operazzjonijiet inkwistjoni u li huwa responsabbli għalihom sa fejn jista' jitqies li jeżistu raġunijiet serji għalfejn wieħed jissoponi li r-[rikorrent] effettivament wettaq id-delitti gravi msemmija [fl-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra]. F'dan ir-rigward, ir-[Raad van State] ħa inkunsiderazzjoni espressament, kif ir-[Raad van State] diġà għamel fis-sentenza tiegħu tas-17 ta' Diċembru 1992, il-fatt li l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni [ta' Ġinevra] għandu jiġi interpretat b'mod restrittiv.

Għaldaqstant, ir-[Raad van State] iqis li s-[Segretarju tal-Istat] ma setax jikkonkludi, abbażi tal-provi msemmija hawn fuq, li r-[rikorrent] kellu jiġi miċħud il-protezzjoni tal-Konvenzjoni [ta' Ġinevra].'

57 Barra minn hekk, ir-Raad van State ddeċieda li r-rikorrent kellu raġunijiet validi sabiex jibża' li jiġi ppersegwitat jekk jintbagħat lura lejn il-Filippini u li għaldaqstant, kellu jitqies li huwa refuġjat fis-sens tal-Artikolu 1A(2) tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra.

58 Imbagħad, ir-Raad van State eżamina l-mertu tal-motivazzjoni mogħtija sussidjarjament mis-Segretarju tal-Istat għar-rifjut tiegħu li jħalli lir-rikorrent jidħol fil-Pajjiżi l-Baxxi, għal raġunijiet ta' interess pubbliku, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet.

59 F'dan ir-rigward, ir-Raad van State ddeċieda, b'mod partikolari, kif ġej:

'Għalkemm ir-[Raad van State] jirrikonoxxi l-importanza tal-interessi invokati mis-[Segretarju tal-Istat], meta jitqiesu, b'mod partikolari, l-indizji ta' kuntatti personali bejn ir-[rikorrent] u rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet terroristiċi, li huwa rrileva, dan ma jistax jiġġustifika l-invokazzjoni tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet jekk ma hemmx garanzija li r-[rikorrent] ser ikun aċċettat f'pajjiż ieħor li mhuwiex il-Filippini. Dan huwa preklużmill-fatt li tali rifjut fil-konfront tar-[rikorrent] għandu jitqies li jmur kontra l-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali.'

60 Wara din is-sentenza, permezz ta' deċiżjoni tal-4 ta' Ġunju 1996, is-Segretarju tal-Istat ċaħad għal darb'oħra t-talba tar-rikorrent għal reviżjoni tad-deċiżjoni tiegħu tat-13 ta' Lulju 1990. Filwaqt li ordna lir-rikorrent jitlaq mill-Pajjiżi l-Baxxi, is-Segretarju tal-Istat iddeċieda li dan ma jiġix iddeportat lejn il-Filippini sakemm ikollu raġunijiet validi sabiex jibża' li ser jiġi ppersegwitat fis-sens tal-Konvenzjoni

ta' Ġinevra, jew li ser jiġi ttrattat b'mod inkompatibbli mal-Artikolu 3 tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali (KEDB).

61 Permezz ta' deċiżjoni tal-11 ta' Settembru 1997 [… ir-rechtbank] caħad bħala infondat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent kontra l-imsemmija deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat tal-4 ta' Ġunju 1996.

62 Matul il-proċeduri quddiem ir-rechtbank, id-dokumenti kollha dwar l-investigazzjoni mmexxija mill-BVD rigward l-attivitajiet tar-rikorrent fil-Pajjiżi l-Baxxi, u b'mod partikolari, l-ittra ta' dan is-servizz lis-Segretarju tal-Istat tat-3 ta' Marzu 1993 (punt 51 iktar 'il fuq), kif ukoll l-elementi operattivi li fuqhom kienet ibbażata, ġew ikkomunikati lir-rechtbank b'mod kunfidenzjali. Il-President tar-rechtbank eżaminhom skont proċedura speċjali. Abbażi ta' rapport imfassal mill-president tiegħu, ir-rechtbank iddeċieda li l-fatt li dawn il-provi ma jiġux ikkomunikati lir-rikorrent kien iġġustifikat. Għalkemm dan kien awtorizza li jsir hekk skont il-liġi, ir-rechtbank xorta ħa inkunsiderazzjoni dawn id-dokumenti sabiex jiddeċiedi l-każ.

63 Imbagħad, ir-rechtbank evalwa l-kwistjoni ta' jekk id-deċiżjoni kkontestata quddiemu setgħetx tiġi kkonfermata, sa fejn ċaħdet lir-rikorrent milli jitqies li huwa refuġjat u milli jingħata permess ta' residenza.

64 Għal dak li jirrigwarda l-fatti li d-deċiżjoni tiegħu kellha tkun ibbażata fuqhom, ir-rechtbank irrefera għas-sentenza tar-Raad van State tal-1995.

65 Abbażi ta' din is-sentenza, ir-rechtbank ikkunsidra li kellu jitqies li huwa stabbilit fil-liġi li l-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra ma setax jiġi invokat kontra r-rikorrent, li kellu biża' fondata li jiġi ppersegwitat fis-sens tal-Artikolu 1(A) ta' din

il-Konvenzjoni u tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet, u li l-Artikolu 3 tal-KEDB kien jipprekludi lir-rikorrent milli jiġi deportat, b'mod dirett jew indirett, lejn il-pajjiż tal-oriġini tiegħu.

66 Imbagħad, ir-rechtbank eżamina l-kwistjoni ta' jekk is-sentenza tar-Raad van State tal-1995 kinitx tagħti lis-Segretarju tal-Istat il-possibblità li jiċħad lir-rikorrent l-istatus ta' refuġjat, skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet, li jistipula li, 'l-istatus ta' refuġjat jista' jiġi miċħud biss għal raġunijiet gravi bbażati fuq l-intess ġenerali, jekk din iċ-ċaħda tobbliga lill-barrani jmur immedjatament f'pajjiż imsemmi fl-ewwel paragrafu', meta s-Segretarju tal-Iistat ma kienx irnexxielu jiżgura li r-rikorrent jiġi aċċettat f'pajjiż ieħor li mhuwiex il-Filippini.

67 F'dan ir-rigward, ir-rechtbank iċċita *in extenso* l-punt tas-sentenza tar-Raad van State tal-1995 riprodott fil-punt 59 iktar 'il fuq.

68 Ir-rechtbank imbagħad iddeċieda dwar il-kwistjoni ta' jekk is-Segretarju tal-Istat kienx iġġustifikat, f'dan il-każ, jeżerċita s-setgħa tiegħu ta' deroga mir-regola li barrani huwa normalment meqjus li huwa refuġjat fil-Pajjiżi l-Baxxi, ladarba jistabbilixxi li għandu biża' fondata li jiġi ppersegwitat fis-sens tal-Artikolu 1A tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u li ma hemm ebda pajjiż ieħor li jaċċettah bħala applikant għall-ażil, u dawn huma ċirkustanzi li jikkorrispondu, fil-fehma tar-rechtbank, għal dawk ta' dan il-każ. F'dan ir-rigward, ir-rechtbank iddeċieda kif ġej:

"I[r-]rechtbank iqis li ma jistax jingħad li s-[Segretarju tal-Istat] ma użax din is-setgħa b'mod raġonevoli fir-rigward tar-[rikorrent], meta jitqies 'l-interess essenzjali tal-Istat Olandiż, jiġifieri l-integrità u l-kredibbiltà tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala Stat sovran, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna r-responsabbilitajiet tiegħu fir-rigward ta' Stati oħra', irrikonoxxut ukoll mir-[Raad van State]. Il-fatti li fuqhom ir-[Raad van State] ibbaża l-evalwazzjoni tiegħu għandhom wkoll

importanza kbira għar-[r]echtbank. Ma ġiex ikkonstatat li s-[Segretarju tal-Istat] kellu jagħti sinjifikat ieħor lil dawn il-fatti meta ttieħdet id-deċiżjoni [f'dan il-każ]. L-osservazzjonijiet tar-[rikorrent] fir-rigward tal-bidla fil-qagħda politika fil-Filippini u fir-rigward tar-rwol fin-negozjati bejn l-awtoritajiet Filippini u ċ-[CPP] ma jbiddlu xejn, peress li l-motivi importanti huma bbażati fuq fatti oħra, kif jirriżulta mis-sentenza tar-[Raad van State]."

69 Għaldaqstant, ir-rechtbank ċaħad bħala infondat ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent kontra r-rifjut li jitqies li huwa refuġjat fil-Pajjiżi l-Baxxi.

70 Ir-rechtbank ċaħad ukoll bħala infondat, ir-rikors ippreżentat mir-rikorrent kontra ċ-ċaħda li jingħatalu permess ta' residenza. Wara li ddeċieda, b'mod iktar partikolari, fuq il-kwistjoni ta' jekk is-Segretarju tal-Istat kienx ħa d-deċiżjoni wara li wieżen b'mod raġonevoli l-interssi, ir-rechtbank irrefera għall-konklużjoni tiegħu ċċitata fil-punt 68 iktar 'il fuq u żied jgħid li s-Segretarju tal-Istat kellu raġun jagħti inqas importanza lill-interessi allegati, f'dan ir-rigward, mir-rikorrent" [traduzzjoni mhux uffiċjali].

107 Fid-dawl tal-kontenut, tal-portata u tal-kuntest tagħhom, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li la s-sentenza tar-Raad van State tal-1995, u lanqas id-deċizjoni tar-rechtbank ma jikkostitwixxu deċiżjonijiet meħuda minn awtorità kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u tal-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001.

108 Minn naħa, din is-sentenza u din id-deċiżjoni ma juru evidenza ta' ebda "kundanna" tar-rikorrent, fis-sens ta' dawn id-dispożizzjonijiet.

109 Min-naħa oħra, l-imsemmija sentenza u deċiżjoni lanqas ma jikkostitwixxu deċiżjonijiet ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni għal att terroristiku", eċċ. fis-sens ta' dawn l-istess dispożizzjonijiet.

110 F'dan ir-rigward, għandu jitfakkar li, sabiex tiġi interpretata l-portata ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, għandhom jitqiesu, fl-istess ħin, it-termini, il-kuntest u l-għanijiet tagħha (arar s-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-8 ta' Diċembru 2005, Jyske Finans, C-280/04, Ġabra p. I-10683, punt 34, u l-ġurisprudenza ċċitata).

111 Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li, fid-dawl kemm tal-kliem, tal-kuntest u tal-għanijiet tad-dispożizzjonijiet inkwistjoni f'dan il-każ (ara, b'mod partikolari, il-premessa 1 tal-motivi tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931), kif ukoll tar-rwol predominanti tal-awtoritajiet nazzjonali fil-proċess ta' ffriżar ta' fondi previst mill-Arikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 (ara s-sentenza Sison, punti 164 *et seq*), deċiżjoni ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" għandha, sabiex tkun tista' tiġi invokata mill-Kunsill b'mod validu, tittieħed fil-kuntest ta' proċeduri nazzjonali intiżi b'mod dirett u prinċipalment sabiex jimponu miżura ta' natura preventiva jew repressiva kontra l-parti kkonċernata, minħabba l-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-fatt tal-involviment tagħha fih. Dan ir-rekwiżit ma jiġix sodisfatt minn deċiżjoni ta' awtorità ġudizzjarja nazzjonali li tiddeċiedi biss b'mod anċillari u inċidentali fuq l-involviment possibbli tal-parti kkonċernata f'attività bħal din, fil-kuntest ta' kontestazzjoni li tirrigwarda, pereżempju, id-drittijiet u l-obbligi ta' natura ċivili.

112 Din l-interpretazzjoni restrittiva tal-kunċett ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" hija kkonfermata, b'mod partikolari, mid-diversi verżjonijiet lingwistiċi tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

113 Madankollu, f'dan il-każ, ir-rikorrent jenfasizza ġustament li l-proċeduri quddiem ir-Raad van State u r-rechtbank ma kellhomx l-għan li jrażżnu l-parteċipazzjoni possibbli tiegħu f'atti terroristiċi, iżda kienu jikkonċernaw biss l-istħarriġ tal-legalità tad-deċiżjoni tas-Segretarju tal-Istat għall-Ġustizzja li tirrifjuta li tirrikonoxxilu l-istatus ta' refuġjat u li jingħata permess ta' residenza fil-Pajjiżi l-Baxxi, prinċipalment

abbażi tal-Artikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra u, sussidjarjament, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet.

114 Għalkemm, matul dawn il-proċeduri, ir-Raad van State u r-rechtbank eżaminaw il-fajl tas-Servizz għas-Sigurtà Interna tal-Pajjiżi l-Baxxi (iktar 'il quddiem il-"BVD") dwar l-allegat involviment tar-rikorrent f'ċerti attivitajiet terroristiċi fil-Filippini, huma madankollu ma ddeċidewx li jibdew investigazzjoni fuq dawn il-fatti, u wisq inqas li jidbew prosekuzzjoni fir-rigward tar-rikorrent.

115 Isegwi minn dan li s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank ma jistgħux jitqiesu li jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u li, għaldaqstant, ma jistgħux jissodisfaw, waħedhom, l-adozzjoni ta' deċiżjoni ta' ffriżar tal-fondi tar-rikorrent skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001.

116 Fi kwalunkwe każ, għandu jiġi enfasizzat li, meta wara eżami mill-ġdid, ikun beħsiebu jadotta jew iżomm miżura ta' ffriżar ta' fondi skont ir-Regolament Nru 2580/2001, abbażi ta' deċiżjoni nazzjonali ta' "bidu ta' investigazzjonijiet jew ta' prosekuzzjoni" għal att terroristiku, il-Kunsill ma jistax jinjora l-iżviluppi ulterjuri ta' dawn l-investigazzjonijiet jew ta' din il-prosekuzzjoni (ara, f'dan is-sens, is-sentenzi PMOI I u PMOI II). Għaldaqstant jista' jiġri li investigazzjoni tal-pulizija jew ta' sigurtà tingħalaq mingħajr ma mbagħad tittieħed azzjoni ġudizzjarja, minħabba li ma jkunux tħallew jinġabru provi suffiċjenti jew minħabba li ma tkunx saret inkjesta ġudizzjarja għall-istess raġunijiet. Bl-istess mod, deċiżjoni li tinbeda prosekuzzjoni tista' twassal sabiex jingħata tmiem għal dawn il-proċeduri jew li l-akkużat jiġi lliberat minn kull akkuża kriminali. Huwa inammissibbli li l-Kunsill ma jqisx tali elementi li jagħmlu parti mill-informazzjoni kollha rilevanti li għandha titqies għall-evalwazzjoni tas-sitwazzjoni (ara l-punt 98 iktar 'il fuq). Jekk jiġi deċiż mod ieħor, il-Kunsill u l-Istati Membri jkunu qegħdin jingħataw is-setgħa eżorbitanti li jiffriżaw il-fondi ta' persuna, b'mod indefinit, mingħajr ebda sħarriġ ġudizzjarju u jkun xi jkun l-eżitu tal-proċeduri legali mibdija eventwalment.

117 F'dan il-każ, għandha titqies l-evalwazzjoni tar-Raad van State u r-rechtbank fuq is-serjetà u l-kredibbilità tal-provi jew indizji miġbura mill-BVD matul l-investigazzjoni tiegħu. Mhuwiex manifestament evidenti li dawn l-evalwazzjonijiet jikkorroboraw l-argument magħmul attwalment mill-Kunsill u mill-Pajjiżi l-Baxxi. Ċertament, dawn il-qrati qiesu bħala "suffiċjentement plawżibbli" jew bħala "[li j]offru bażi fattwali għall-argument […] tas-Segretarju tal-Istat" ċertu numru ta' elementi inklużi fil-fajl tal-BVD, marbuta b'mod partikolari, mal-allegazzjonijiet li r-rikorrent kien "għall-anqas ipprova jagħti direttivi dwar l-attivitiajiet [terroristiċi] imwettqa taħt ir-responsabbiltà tan-NPA fil-Filippini" u dawk relattivi għall-"kuntatti personali" li kellu ma' rappreżentanti ta' organizzazzjonijiet terroristiċi fid-dinja kollha. Madankollu, dawn il-qrati qiesu fl-aħħar mill-aħħar li l-elementi inkwistjoni "ma j[offr]ux […] bażi fattwali suffiċjenti sabiex tiġġustifika l-konklużjoni li r-rikorrent [kien] mexxa l-attivitajiet inkwistjoni u [kien] responsabbli għalihom b'tali mod li jista' jitqies li hemm raġunijiet serji sabiex wieħed jissoponi li r-[rikorrent] [kien] effettivament wettaq delitti gravi" fis-sens tal-Arikolu 1F tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Barra minn hekk, għalkemm ir-rechtbank laqa' l-argument sussidjarju tas-Segretarju tal-Istat, li huwa seta' jirrifjuta li jawtorizza li r-rikorrent jidħol fil-Pajjiżi l-Baxxi bħala refuġjat u li jagħtih permess ta' residenza għal raġunijiet ibbażati fuq l-interess ġenerali, abbażi tat-tieni paragrafu tal-Artikolu 15 tal-Vreemdelingenwet, ir-rikorrent għandu raġun jirrileva li l-kunċett ta' "interess ġenerali" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, u b'mod iktar partikolari, "l-integrità u l-kredibbilità tal-Pajjiżi l-Baxxi bħala Stat sovran, b'mod partikolari, f'dak li jikkonċerna r-responsabbiltajiet tiegħu fir-rigward ta' Stati oħra", bilkemm jikkorrispondi għall-kunċett ta' "terroriżmu" adottat mill-Kunsill fil-Pożizzjoni Komuni 2001/931 u fir-Regolament Nru 2580/2001.

118 Iżda hemm iżjed minn hekk, minħabba li mill-proċess ippreżentat lill-Qorti tal-Prim'Istanza jirriżulta li, abbażi ta' informazzjoni miġbura mill-BVD, il-prosekuzzjoni Olandiża qieset li ma kinux jeżistu elementi rilevanti sabiex tinbeda investigazzjoni kriminali kontra r-rikorrent fil-Pajjiżi l-Baxxi.

119 Hija tinvoka, f'dan is-sens, dikjarazzjoni uffiċjali tal-Ministru Olandiż tal-Affarijiet Barranin ta' dak iż-żmien, J. De Hoop Scheffer, b'risposta għal domanda parlamentari magħmula fis-16 ta' Awwissu 2002 f'dan il-kliem: "[il-]Pajjiżi l-Baxxi investigaw b'mod indipendenti l-akkużi ta' terroriżmu [fir-rigward taċ-CPP, in-NPA u J.M. Sison]? Fil-każ

ta' risposta fl-affermattiv, minn meta u b'liema mod?" B'risposta għal din id-domanda, J. De Hoop Scheffer għarraf lill-Parlament Olandiż (Tweede kamer der Staten-Generaal), fit-8 ta' Ottubru 2002, li:

"Il-Pajjiżi l-Baxxi investigaw l-attivitajiet taċ-CPP [u tan-]NPA u ta' J.M. Sison fil-Pajjiżi l-Baxxi. Dan jirriżulta, b'mod partikolari, mir-Rapport Annwali 2001 tal-[BVD, li fil-frattemp saret l-Algemene Inlichtingen- en Veiligheidsdienst jew AIVD (Servizz Ġenerali ta' Informazzjoni u tas-Sigurtà)] […] Abbażi, b'mod partikolari, tal-indizji tal-AIVD li ċ-CPP [u n-] NPA [huma] mmexxija mill-Pajjiżi l-Baxxi, ġie investigat, taħt ir-responsabbilità tal-Uffiċċju tal-Prosekutur, jekk kinux jeżistu provi biżżejjed sabiex tinbeda investigazzjoni kriminali. Deher li dan ma kienx il-każ."

120 Għalhekk, intwera b'mod uffiċjali li, fit-8 ta' Ottubru 2002, jiġifieri inqas minn tliet ġimgħat qabel l-ewwel inklużjoni tar-rikorrent fil-lista kkontestata, magħmula fit-28 ta' Ottubru 2002, il-Prosekuzzjoni Olandiża, li fis-seduta r-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi kkonferma li hija awtorità ġudizzjarja indipendenti, ikkunsidrat li l-fajl tal-BVD u tal-AIVD ma kienx fih provi jew indizji serji u kredibbli biżżejjed sabiex ikunu jistgħu jinbdew investigazzjonijiet jew prosekuzzjoni kriminali fil-Pajjiżi l-Baxxi, kontra r-rikorrent, għal att terroristiku marbut mal-involviment tiegħu fl-attivitajiet taċ-CPP u/jew tan-NPA.

121 F'dawn iċ-ċirkustanzi, u fi kwalunkwe każ, il-Qorti tal-Prim'Istanza tqis li la s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u lanqas id-deċiżjoni tar-rechtbank ma setgħu jitqiesu, fi żmien l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet ikkontestati, li kienu għadhom jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931. Għaldaqstant, huma ma setgħux jiġġustifikaw legalment l-adozzjoni, f'din id-data, tad-deċiżjonijiet inkwistjoni, skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001.

122 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti kollha, l-ilmenti tar-rikorrent ibbażati fuq żball, f'dan il-każ manifest, ta' evlawazzjoni tal-fatti għandhom jiġu miċħuda, filwaqt li għandu jintlaqa', għal dak li jikkonċerna s-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank, l-ilment prinċipali tiegħu li l-kundizzjonijiet legali

msemmija fl-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u fl-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931 mhumiex sodisfatti.

123 Meta jitqies dak kollu li ntqal fil-punti 100 sa 105 iktar 'il fuq, il-fatt li ġiet irrikonoxxuta l-fondatezza ta' dan l-ilment ma jistax ħlief iwassal għall-annullament tad-deċiżjonijiet 2007/445 u 2007/868, sa fejn jikkonċernaw lir-rikorrent, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu eżaminati l-motivi l-oħra invokati minnu.

Fuq it-talbiet għall-annullament tad-deċiżjonijiet 2008/343, 2008/583 u 2009/62, kif ukoll tar-Regolament Nru 501/2009

L-argumenti tal-partijiet

124 Filwaqt li bbaża ruħu, *mutatis mutandis*, fuq il-motivi u l-argumenti mressqa diġà insostenn tat-talbiet għall-annullament tad-deċiżjonijiet 2007/445 u 2007/868, ir-rikorrent żviluppa argument ġdid insostenn tat-talbiet tiegħu għall-annullament tad-deċiżjonijiet 2008/343, 2008/583 u 2009/62 kif ukoll tar-Regolament Nru 501/2009. Dan l-argument jirrigwarda, b'mod iktar speċifiku, l-elementi ġodda invokati mill-Kunsill fl-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittra tiegħu tal-25 ta' Frar 2008 (ara l-punt 14 iktar 'il fuq).

125 F'dan ir-rigward ir-rikorrent isostni, l-ewwel nett, li l-Kunsill ta interpretazzjoni manifestament żbaljata u preżentazzjoni żbaljata tas-sentenza tar-rechtbank tat-13 ta' Settembru 2007 u tas-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag tat-3 ta' Ottubru 2007, li huma marbuta ma' investigazzjoni kriminali mibdija kontrih fil-Pajjiżi l-Baxxi, fit-28 ta' Awissu 2007, fir-rigward tal-akkuża li ħeġġeġ it-twettiq ta' ċertu numru ta' qtil fil-Filippini.

126 Fl-ewwel lok, fil-fatt, f'dawn iż-żewġ deċiżjonijiet, prodotti fl-annessi 4 u 5 tal-att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-8 ta' Lulju 2008, il-qrati kkonċernati qiesu li ma kien jeżisti l-ebda indizju konkret ta' involviment kriminali dirett tar-rikorrent fil-fatti inkwistjoni, ta' tali natura li jiġġustifika l-arrest tiegħu f'kustodja preventiva. Barra minn hekk, is-sentenza tar-rechtbank ġiet annullata u ssostitwita bis-sentenza tal-Qorti tal-Appell u għaldaqstant hija irrilevanti.

127 Fit-tieni lok, kif ir-rikorrent indika lill-Kunsill qabel l-adozzjoni tad-deċiżjoni 2008/343, l-akkużi inkwistjoni kienu diġà ġew miċħuda fuq il-mertu bħala motivati minn "kunsiderazzjonijiet politiċi" permezz tas-sentenza tal-Qorti Suprema tal-Filippini tat-2 ta' Lulju 2007 (anness 9 tar-rikors). Għaldaqstant, huwa inammissibbli li l-istess fatti kienu suġġetti għal investigazzjoni kriminali fil-Pajjiżi l-Baxxi.

128 Fit-tielet lok, il-Kunsill naqas ukoll milli jieħu inkunsiderazzjoni d-deċiżjoni tar-rechter-commissaris (imħallef inkwirenti) tal-21 ta' Novembru 2007 li għalqet l-investigazzjonijiet kriminali preliminari minħabba nuqqas ta' provi serji (anness 6 tal-att ippreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Prim'Istanza fit-8 ta' Lulju 2008).

129 Ir-rikorrent isostni, it-tieni nett, li d-deċiżjonijiet, iċċitati iktar 'il fuq, tat-tliet qrati Olandiżi fil-proċeduri kriminali kontrih, bħad-deċiżjoni tal-Qorti Suprema tal-Filippini, ma jagħtu ebda prova jew indizju serji jew kredibbli tal-parteċipazzjoni tiegħu fi kwalunkwe attività terroristika, anzi pjuttost il-kuntrarju. Barra minn hekk, l-atti allegati fil-kuntest tal-proċeduri kriminali fil-Pajjiżi l-Baxxi mhumiex atti terroristiċi fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

130 Il-Kunsill iwieġeb li r-rechtbank, fis-sentenza tiegħu tat-13 ta' Settembru 2007, ikkonkluda li ħafna provi indikaw li r-rikorrent kellu rabta mal-kumitat ċentrali tal-Partit Komunita tal-Filippini, u l-fergħa militari tiegħu, in-NPA. Dan it-tribunal iddeċieda wkoll li kien hemm provi li r-rikorrent kien għad għandu rwol prominenti

fl-attivitajiet klandestini tal-kumitat ċentrali tal-Partit Komunista tal-Filippini u tan-NPA. Fl-appell, il-Qorti tal-Appell ta' Den Haag ikkonkludiet, fis-sentenza tagħha tat-3 ta' Ottubru 2007, li l-proċess kien fih ħafna provi li jindikaw li r-rikorrent kien baqa' jkollu rwol prominenti fi ħdan il-Partit Komunista tal-Filippini, matul is-snin twal li għadda fl-eżilju.

131 Il-Kunsill iqis li dawn iż-żewġ deċiżjonijiet jikkorroboraw, b'mod dirett, il-pożizzjoni tiegħu li r-rikorrent kien involut f'atti terroristiċi u li ttieħdu deċiżjonijiet fir-rigward tiegħu minn awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

132 Fir-rigward tal-konklużjoni tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag li ma ġiet stabbilita ebda rabta diretta bejn ir-rwol tar-rikorrent fi ħdan il-Partit Komunista tal-Filippini u l-attakki li qatlu n-nies fil-Filippini, koperti mill-kapijiet ta' akkuża miġjuba kontrih, il-Kunsill iqisha irrilevanti peress li huwa ma għandu ebda intenzjoni jibbaża ruħu fuq il-ħtija tar-rikorrent fir-rigward ta' dawn id-delitti, iżda fuq ir-rwol ċentrali li kellu fil-Partit Komunista tal-Filippini minkejja l-eżilju tiegħu fil-Pajjiżi l-Baxxi. L-istess japplika għall-għeluq tal-investigazzjoni kriminali preliminari.

Il-kunsiderazzjonijiet tal-Qorti tal-Prim'Istanza

133 Għandu jiġi rilevat li s-sentenza tar-rechtbank tat-13 ta' Settembru 2007 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag tat-3 ta' Ottubru 2007 jikkostitwixxu deċiżjonijiet meħuda fil-kuntest ta' investigazzjoni kriminali preliminari mibdija kontra r-rikorrent fil-Pajjiżi l-Baxxi, fit-28 ta' Awwissu 2007, fir-rigward tal-akkuża li pparteċipa fi, jew

ħeġġeġ, it-twettiq ta' ċertu numru ta' qtil jew tentattivi ta' qtil fil-Filippini, fl-2003 u 2004, wara nuqqas ta' ftehim intern fi ħdan iċ-CPP.

134 Minkejja dan, mhuwiex stabbilit, u lanqas biss ma ġie allegat, li l-imsemmi qtil jew tentattivi ta' qtil, anki jekk dawn jistgħu jiġu attribwiti lir-rikorrent, jaqgħu taħt id-definizzjoni ta' atti terroristiċi, fis-sens tal-Artikolu 1(3) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

135 Għandu jiġi kkonstatat għaldaqstant, bħal fil-każ tas-sentenza tar-Raad van State tal-1995 u d-deċiżjoni tar-rechtbank, li s-sentenza tar-rechtbank tat-13 ta' Settembru 2007 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag tat-3 ta' Ottubru 2007 ma jissodisfawx ir-rekwiżiti tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931.

136 Irrispettivament minn dak li segwa l-investigazzjoni kriminali preliminari inkwistjoni, u b'mod partikolari, mid-deċiżjoni tar-rechter-commissaris tal-21 ta' Novembru 2007 li għalqitha minħabba nuqqas ta' provi serji, l-imsemmija deċiżjonijiet u sentenzi ma setgħu fl-ebda każ jiġġustifikaw legalment l-adozzjoni tad-deċiżjonijiet u tar-regolament ikkontestati skont l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001.

137 Barra minn hekk, kif enfasizza l-Kunsill fl-osservazzjonijiet tiegħu u kif ikkonferma espressament fis-seduta, is-sentenza tar-rechtbank tat-13 ta' Settembru 2007 u s-sentenza tal-Qorti tal-Appell ta' Den Haag tat-3 ta' Ottubru 2007 mhumiex invokati, fl-espożizzjonijiet tal-motivi annessi mal-ittri tiegħu tal-25 ta' Frar, tad-29 ta' April, tal-15 ta' Lulju 2008 u tas-27 ta' Jannar 2009, bħala deċiżjonijiet ta' awtoritajiet kompetenti fis-sens tal-Artikolu 1(4) tal-Pożizzjoni Komuni 2001/931, iżda bħala fatti intiżi li jikkorroboraw il-konstatazzjonijiet magħmula mir-Raad van State fis-sentenza tiegħu tal-1995 u mir-rechtbank fid-deċiżjoni tiegħu, li tikkonċerna l-involviment kontinwu

tar-rikorrent fiċ-CPP u n-NPA. L-istess konstatazzjoni tapplika għal dak li jikkonċerna l-espożizzjoni tal-motivi annessa mal-ittra tal-Kunsill tas-16 ta' Ġunju 2009.

138 Fid-dawl ta' dak kollu li ntqal iktar 'il fuq, fil-kuntest tal-eżami tat-tieni motiv għall-annullament tad-Deċiżjonijiet 2007/445 u 2007/868, dawn il-kunsiderazzjonijiet ma jistgħux ħlief iwasslu għall-annullament tad-Deċiżjonijiet 2008/343, 2008/583 u 2009/62 kif ukoll tar-Regolament Nru 501/2009, sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lir-rikorrent, mingħajr ma hemm bżonn li jiġu eżaminati l-ilmenti l-oħra invokati minnu.

Fuq l-ispejjeż

139 Skont l-Artikolu 87(1) tar-Regoli tal-Proċedura, deċiżjoni dwar l-ispejjeż għandha tingħata fis-sentenza jew fid-digriet li jagħlaq il-kawża.

140 F'dan il-każ, is-sentenza preżenti ma għalqitx il-kawża, peress li l-proċeduri ġew sospiżi, għal dak li jikkonċerna r-rikors għad-danni taħt l-Artikoli 235 KE u 288 KE, sa meta tingħata s-sentenza (ara l-punt 27 iktar 'il fuq).

141 F'dawn iċ-ċirkustanzi, l-ispejjeż għandhom jiġu rriżervati.

Għal dawn il-motivi,

IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA (Is-Seba' Awla)

taqta' u tiddeċiedi:

1) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/445/KE KE tat-28 ta' Ġunju 2007 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 dwar miżuri restrittivi speċifiċi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet bil-għan li jiġi miġġieled it-terroriżmu u li tirrevoka d-Deċiżjonijiet 2006/379/KE u 2006/1008/KE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2007/868/KE tal-20 ta' Diċembru 2007 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/445/KE, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/343/KE tad-29 ta' April 2008 li temenda d-Deċiżjoni 2007/868, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/583/KE tal-15 ta' Lulju 2008 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2007/868, id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2009/62/KE tas-26 ta' Jannar 2009 li timplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament Nru 2580/2001 u li tirrevoka d-Deċiżjoni 2008/583/KE, u r-Regolament tal-Kusill (KE) Nru 501/2009 tal-15 ta' Lulju 2009, li jimplementa l-Artikolu 2(3) tar-Regolament (KE) Nru 2580/2001 u li jħassar id-Deċiżjoni 2009/62/KE, huma annullati sa fejn dawn l-atti jikkonċernaw lil Jose Maria Sison.

2) L-ispejjeż huma rriżervati.

Forwood Švábу Moavero Milanesi

Mogħtija f'qorti bil-miftuħ fil-Lussemburgu, fit-30 ta' Settembru 2009.

Firem